Nru./No. 21,236
Prezz/Price
€7.02

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 3 ta' Mejju, 2024
Friday, 3rd May, 2024

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 5137 - 5164
Government Notices ..... *5137 - 5164*

Avviżi tal-Pulizija ..... 5164 - 5168
Police Notices ..... *5164 - 5168*

Avviżi lill-Baħħara ..... 5168 - 5170
Notices to Mariners ..... *5168 - 5170*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 5171 - 5264
Employment Opportunities ..... *5171 - 5264*

Avviżi tal-Gvern ..... 5264 - 5271
Notices ..... *5264 - 5271*

Offerti ..... 5271 - 5276
Tenders ..... *5271 - 5276*

Avviżi tal-Qorti ..... 5276 - 5288
Court Notices ..... *5276 - 5288*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 562

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 97 imsejjaħ l-Att tal-2024 dwar l-Aġenzija dwar is-Suq tal-Proprjetà.

It-3 ta' Mejju, 2024

Nru. 563

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI (KAP. 623)

Ħatra tas-Segretarja tat-Tribunal tal-Bini u l-Kostruzzjoni – Panel 2

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kullħadd li, skont l-artikolu 38 tal-Att dwar l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (Kap. 623), il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni ħatar lil Dott. Mireille Farrugia bħala Segretarja tat-Tribunal tal-Bini u l-Kostruzzjoni – Panel 2. Din il-ħatra hija b'seħħ mit-23 ta' April, 2024, u hija valida għal perjodu ta' tliet (3) snin.

It-3 ta' Mejju, 2024

Nru. 564

FONDAZZJONI GĦAS-SERVIZZI MEDIĊI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva ħatar l-uffiċjali li ġejjin biex iservu fuq il-Bord tal-Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi. It-terminu tal-ħatra huwa għal tliet snin li jibda mill-1 ta' Marzu, 2024.

President
Is-Sur James Grech

Deputat President
Is-Sur Charles Cini

Membru (Ex-ufficio)
Dott. Robert Xuereb

GOVERNMENT NOTICES

No. 562

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 97 entitled the Property Market Agency Act, 2024.

3rd May, 2024

No. 563

BUILDING AND CONSTRUCTION AUTHORITY ACT (CAP. 623)

Appointment of the Secretary of the Building and Construction Tribunal – Panel 2

IT is hereby notified for general information that, in accordance with article 38 of the Building and Construction Act (Cap. 623), the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector has appointed Dr Mireille Farrugia as Secretary of the Building and Construction Tribunal – Panel 2. This appointment is valid as from 23rd April, 2024, for a period of three (3) years.

3rd May, 2024

No. 564

FOUNDATION FOR MEDICAL SERVICES

IT is hereby notified for general information that the Minister for Health and Active Ageing has appointed the following officials to serve on the Foundation for Medical Services Board. The term of appointment is for three years, starting from 1st March, 2024.

President
Mr James Grech

Deputy President
Mr Charles Cini

Member (Ex-ufficio)
Dr Robert Xuereb

Membri
Dott. Alexander Sciberras
Dott. Joe Cassar
Is-Sur Patrick Cachia
Dott. Kumar Rajasekaran Santhosh
Is-Sa Maria Micallef

Membru (Ex-ufficio)
L-Inġ. Andrew Vella Zarb

Segretarja (Ex-ufficio)
Is-Sa Stephania Dimech

It-3 ta' Mejju, 2024

Members
Dr Alexander Sciberras
Dr Joe Cassar
Mr Patrick Cachia
Dr Kumar Rajasekaran Santhosh
Ms Maria Micallef

Member (Ex-ufficio)
Inġ. Andrew Vella Zarb

Secretary (Ex-ufficio)
Ms Stephania Dimech

3rd May, 2024

Nru. 565

TAQSIMA TAR-REGOLAMENTAZZJONI GĦALL-GĦASAFAR SELVAĠĠI

Notifika ta' Deroga għall-Kontroll tal-Ħamiem fl-Interess tas-Saħħa u s-Sigurtà Pubblika: Kunsill Lokali l-Gżira

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bir-raba' proviso tar-Regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar (L.S. 549.42), il-Ministru responsabbli għall-ambjent flimkien mal-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, wara li ħadu inkonsiderazzjoni l-laqgħa tal-Kumitat Ornis (Malta) li saret fit- 2 ta' April, 2024, qegħdin jawtorizzaw deroga mill-proviżjonijiet tar-Regolament 4(1)(*a*) u (*d*) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 9(1) (*a*) li tippermetti li jsir kontroll tal-ħamiem (*Columba livia*) fil-lokalità tal-Kunsill Lokali l-Gżira. Il-perjodu ta' validità huwa tnax-il (12) xahar mid-data ta' din in-Notifika. L-awtorizzazzjoni qiegħda tingħata strettament taħt il-kundizzjonijiet u l-kontrolli stipulati fil-liċenzja maħruġa għal dan il-għan mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi. Rapport dwar l-attività tal-kontroll tal-ħamiem għandu jasal għand it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi fi żmien xahar mid-data tal-iskadenza tal-liċenzja.

It-3 ta' Mejju, 2024

No. 565

WILD BIRDS REGULATION UNIT

Declaration of a Derogation for the Control of Pigeons in the Interests of Public Health and Safety: Gżira Local Council

IN exercise of the powers conferred by the fourth proviso to Regulation 10(6) of the Conservation of Wild Birds Regulations (S.L. 549.42), the Minister responsible for the environment in conjunction with the Minister for Gozo and Planning, after giving due consideration to the outcome of the meeting of the Malta Ornis Committee held on 2nd April, 2024, are hereby authorising derogation from the provisions of Regulation 4 (1) (*a*) and (*d*) in line with the provisions of Regulation 9 (1) (*a*) to permit the culling of pigeons (*Columba livia*) within the boundary of Gżira Local Council. The validity period shall be twelve (12) months from date of publication of this Government Notice. Authorisation is being granted strictly under the conditions and controls stipulated in the licence issued for this purpose by the Wild Birds Regulation Unit. A report on the culling activity shall be submitted to the Wild Birds Regulation Unit within one (1) month from the expiry date of the licence.

3rd May, 2024

Nru. 566

TAQSIMA TAR-REGOLAMENTAZZJONI GĦALL-GĦASAFAR SELVAĠĠI

Notifika ta' Deroga

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bir-raba' proviso tar-Regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni

No. 566

WILD BIRDS REGULATION UNIT

Notice of Derogation

IN exercise of the powers conferred by the fourth proviso to Regulation 10(6) of the Conservation of Wild

tal-Għasafar Selvaġġi (L.S. 549.42), il-Ministru responsabbli għall-ambjent, flimkien mal-Ministru għal Għawdex, wara li ħadu inkonsiderazzjoni r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Ornis li ltaqa' fit-2 ta' April, 2024, qegħdin jawtorizzaw deroga mill-proviżjonijiet tar-Regolament 4 (1) (a), (d) u (e) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 9(1)(e) li tippermetti li jittieħdu kampjuni tad-demm sa massimu ta' ħamsin (50) eżemplar adult u frieħ mill-ispeċi Żanżarell tat-Tikki (*Muscicapa striata s.l.*) u kampjuni tar-rix sa massimu ta' mitt (100) eżemplar mill-istess speċi inklużi frieħ li jkunu għadhom fil-bejta. Qed jiġi permess ukoll it-teħid ta' frieħ minn din l-ispeċi li jkunu mejta fil-bejtiet għal analiżi ġenetika. L-awtorizzazzjoni qed tingħata għall-iskop ta' riċerka u analiżi xjentifika strettament taħt il-kundizzjonijiet u l-kontrolli stipulati fil-liċenzja maħruġa għal dan il-għan mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u li għandha tkun valida mill-ewwel (1) ta' Ġunju sal-wieħed u tletin (31) ta' Awwissu, 2024. L-informazzjoni miksuba minn dan l-istudju għandha tasal għand it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi f'forma ta' rapport dettaljat sas-sittax (16) ta' Settembru, 2024.

It-3 ta' Mejju, 2024

Nru. 567

TAQSIMA TAR-REGOLAMENTAZZJONI GĦALL-GĦASAFAR SELVAĠĠI

Notifika ta' Deroga

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bir-raba' proviso tar-Regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S. 549.42), il-Ministru responsabbli għall-ambjent, flimkien mal-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, wara li ħadu inkonsiderazzjoni r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Ornis li ltaqa' fit-2 ta' April, 2024, qegħdin jawtorizzaw deroga mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament 4 (1) (a), (d) u (e) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 9 (1) (e) li tippermetti li jittieħdu kampjuni tad-demm, rix u cloacal swab minn massimu ta' erbgħin (40) eżemplar adult mill-ispeċi *Passer hispaniolensis* (Għammiel tal-Bejt). Il-liċenzja relatata hija valida mid-data ta' din in-Notifika sal-31 ta' Awwissu, 2024. L-awtorizzazzjoni qed tingħata għall-iskop ta' riċerka u analiżi xjentifika strettament taħt il-kundizzjonijiet u l-kontrolli stipulati fil-liċenzji maħruġa għal dan il-għan mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi. L-informazzjoni miksuba minn dan l-istudju għandha tasal

Birds Regulations (S.L. 549.42), the Minister responsible for the environment, in conjunction with the Minister for Gozo and Planning, after giving due consideration to the recommendations of the Ornis Committee, which met on the 2nd April, 2024, are hereby authorising derogation from the provisions of Regulation 4 (1) (a), (d) and (e) in line with the provisions of Regulation 9(1)(e) to permit the taking of blood samples from up to fifty (50) adult and fledged young specimens of Spotted Flycatcher (*Muscicapa striata s.l.*) and the taking of feather samples from up to hundred (100) specimens from the same species, including pulli. The retrieval of any chicks from the same species that may be found dead in nests shall also be permitted for genetic analysis. Authorisation is being granted for the purpose of scientific research and analysis strictly under the conditions and controls stipulated in the licence issued for this purpose by the Wild Birds Regulation Unit, which shall be valid from 1st June to 31st August, 2024. The information obtained through this study shall be submitted to the Wild Birds Regulation Unit in the form of a detailed written report by not later than 16th September, 2024.

3rd May, 2024

No. 567

WILD BIRDS REGULATION UNIT

Notice of Derogation

IN exercise of the powers conferred by the fourth proviso to Regulation 10(6) of the Conservation of Wild Birds Regulations (S.L. 549.42), the Minister responsible for the environment, in conjunction with the Minister for Gozo and Planning, after giving due consideration to the recommendations of the Ornis Committee, which met on the 2nd April, 2024, are hereby authorising derogation from the provisions of Regulation 4 (1) (a), (d) and (e) in line with the provisions of Regulation 9 (1) (e) to permit the taking of blood samples, feather samples and cloacal swabs from up to forty (40) adult *Passer hispaniolensis* (Spanish Sparrow). The validity period of the licence shall be from the date of this Notice until 31st August, 2024. Authorisation is being granted for the purpose of scientific research and analysis strictly under the conditions and controls stipulated in the licences issued for this purpose by the Wild Birds Regulation Unit. The information obtained through this study shall be provided to the Wild Birds Regulation Unit in the form of a

għand it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi f'forma ta' rapport dettaljat fi żmien sitt (6) xhur mid-data tal-iskadenza tal-liċenzja

It-3 ta' Mejju, 2024

Nru. 568

TAQSIMA TAR-REGOLAMENTAZZJONI GĦALL-GĦASAFAR SELVAĠĠI

Notifika ta' Deroga

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bir-raba' proviso tar-Regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S. 549.42), il-Ministru responsabbli għall-ambjent, flimkien mal-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, wara li ħadu inkonsiderazzjoni r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Ornis li ltaqa' fit-2 ta' April, 2024, qegħdin jawtorizzaw deroga mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament 4 (1) (a), (d) u (e) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 9 (1) (e) li tippermetti li jittieħdu kampjuni tar-rix sa massimu ta' mija u sittin (160) eżemplar mill-ispeċi *Puffinus yelkouan* (Garnija) u massimu ta' mija u sittin (160) eżemplar mill-ispeċi *Calonectris diomedea* (Ċiefa). Il-liċenzja relatata hija valida mid-data ta' din in-Notifika sat-30 ta' Novembru, 2024. L-awtorizzazzjoni qed tingħata għall-iskop ta' riċerka u analiżi xjentifika strettament taħt il-kundizzjonijiet u l-kontrolli stipulati fil-liċenzji maħruġa għal dan il-għan mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi. L-informazzjoni miksuba minn dan l-istudju għandha tasal għand it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi f'forma ta' rapport dettaljat fi żmien sitt (6) xhur mid-data tal-iskadenza tal-liċenzja.

It-3 ta' Mejju, 2024

Nru. 569

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna tal-Barrakka ta' Isfel

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) id-Direttur tal-Agrikultura approva li nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Mejju, 2024, il-Ġnien tal-Barrakka ta' Isfel se jkun magħluq għall-pubbliku mis-7.00 a.m. 'il quddiem u jkun taħt il-kontroll tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu.

It-3 ta' Mejju, 2024

detailed written report within six (6) months from the expiry date of the licence.

3rd May, 2024

No. 568

WILD BIRDS REGULATION UNIT

Notice of Derogation

IN exercise of the powers conferred by the fourth proviso to Regulation 10(6) of the Conservation of Wild Birds Regulations (S.L. 549.42), the Minister responsible for the environment, in conjunction with the Minister for Gozo and Planning, after giving due consideration to the recommendations of the Ornis Committee, which met on the 2nd April, 2024, is hereby authorising derogation from the provisions of Regulation 4 (1) (a), (d) and (e) in line with the provisions of Regulation 9 (1) (e) to permit the taking of feather samples from up to hundred sixty (160) specimens from Yelkouan Shearwater *Puffinus yelkouan* and up to hundred sixty (160) specimens from Scopoli's Shearwater *Calonectris diomedea*. The validity period of the licence shall be from the date of this Notice until 30th November, 2024. Authorisation is being granted for the purpose of scientific research and analysis strictly under the conditions and controls stipulated in the licences issued for this purpose by the Wild Birds Regulation Unit. The information obtained through this study shall be provided to the Wild Birds Regulation Unit in the form of a detailed written report within six (6) months from the expiry date of the licence.

3rd May, 2024

No. 569

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Lower Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Director of Agriculture has approved that Lower Barrakka Gardens will be closed to the public on Friday, 3rd May, 2024, from 7.00 a.m. onwards, and will be under the control of the Malta Tourism Authority.

3rd May, 2024

Nru. 570

ORDINANZA (GĦELUQ)
DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI
(KAP. 34)

Ġnien Sant'Anton

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap 34) id-Direttur tal-Agrikultura approva li nhar is-Sibt u l-Ħadd, 4 u 5 ta' Mejju, 2024, il-Ġnien ta' Sant'Anton se jkun magħluq għall-pubbliku il-ġurnata kollha u jkun taħt il-kontroll ta' Charlon Ellul.

It-3 ta' Mejju, 2024

No. 570

PUBLIC GARDENS (CLOSING)
ORDINANCE
(CAP. 34)

Sant'Anton Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Director of Agriculture has approved that Sant' Anton Gardens will be closed all day to the public on Saturday and Sunday, 4th and 5th May, 2024, and will be under the control of Charlon Ellul.

3rd May, 2024

Nru. 571

ORDINANZA (GĦELUQ)
DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI
(KAP. 34)

Ġnien Barrakka ta' Isfel

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) id-Direttur tal-Agrikultura approva li nhar il-Ħamis, 9 ta' Mejju, 2024, il-Ġnien tal-Barrakka ta' Isfel se jkun magħluq għall-pubbliku mis-1.00 p.m. 'il quddiem u jkun taħt il-kontroll ta' Congress Service Centre.

It-3 ta' Mejju, 2024

No. 571

PUBLIC GARDENS (CLOSING)
ORDINANCE
(CAP. 34)

Lower Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Director of Agriculture has approved that Lower Barrakka Gardens will be closed to the public on Thursday, 9th May, 2024, from 1.00 p.m. onwards, and will be under the control of Congress Service Centre.

3rd May, 2024

Nru. 572

ORDINANZA (GĦELUQ)
DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI
(KAP. 34)

Il-Ġonna tal-Barrakka ta' Isfel

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap 34) id-Direttur tal-Agrikultura approva li nhar is-Sibt, 11 ta' Mejju, 2024, il-Ġnien tal-Barrakka ta' Isfel se jkun magħluq għall-pubbliku mis-7.00 p.m. u jkun taħt il-kontroll ta' Dott. Peter Agius.

It-3 ta' Mejju, 2024

No. 572

PUBLIC GARDENS (CLOSING)
ORDINANCE
(CAP. 34)

Lower Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Director of Agriculture has approved that Lower Barrakka Gardens will be closed to the public on Saturday 11th May, 2024, from 7.00 p.m. onwards, and will be under the control of Dr Peter Agius.

3rd May, 2024

Nru. 573

MINISTERU GĦALL-FINANZI

Għotja ta' darba

SABIEX tiġi implimentata waħda mill-miżuri mħabbra fil-Baġit għas-sena 2024, il-Prim Ministru, il-Ministru għall-Finanzi u l-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal fasslu l-Iskema li ġejja biex tipprovdi għotja ta' darba għal persuni li:

(a) kienu impjegati f'xi korporazzjoni jew entità fis-settur pubbliku wara li għamlu xi żmien iservu f'wieħed mill-korpi tax-xogħol imwaqqfa qabel l-1979; jew

(b) kienu impjegati mal-Gas Board sakemm dan spiċċa u wara kienu impjegati mal-korporazzjoni Enemalta; jew

(c) kienu apprentisti mal-Malta Electricity Board sakemm dan spiċċa u wara kienu impjegati mal-korporazzjoni Enemalta.

SKEMA

1. Tifsir

F'din l-iskema, sakemm il-kuntest ma jeħtieġx xort'oħra:

"Malta" tfisser il-Gżejjer Maltin;

"applikant jew applikanti" tfisser ċittadin/i ta' Malta li:

(a) kien/u impjegat/i f'xi korporazzjoni jew entità fis-settur pubbliku wara żmien iservi/u f'wieħed mill-korpi tax-xogħol imwaqqfa qabel l-1979;

(b) kien/u impjegat/i mal-Gas Board sakemm dan spiċċa u wara kien/u impjegat/i mal-korporazzjoni Enemalta; jew

(c) kien/u apprentist/i mal-Malta Electricity Board sakemm dan spiċċa u wara kien/u impjegati mal-korporazzjoni Enemalta.

"perjodu effettiv" għal persuni msemmija fil-punti (a), (b) jew (c) hawn fuq tfisser, il-perjodu bejn is-16 ta' Jannar 1979, jew id-data tal-ħatra uffiċjali f'xi korporazzjoni jew

No. 573

MINISTRY FOR FINANCE

Once-Only Grant

IN order to implement one of the measures identified in Budget 2024, the Prime Minister, the Minister for Finance and the Minister for Social Policy and Children's Rights have developed the following Scheme that aims to provide a once-only grant for persons who:

(a) were employed by corporations or entities in the public sector on their discharge from one of the labour corps established before 1979; or

(b) were employed by the Gas Board until its dissolution and afterwards were employed by Enemalta Corporation; or

(c) were apprentices with the Malta Electricity Board until its dissolution and afterwards were employed by Enemalta Corporation.

SCHEME

1. Interpretation

In this Scheme, unless the context otherwise requires:

"Malta" means the Maltese Islands;

"applicant/s" means citizen/s of Malta who:

(a) was/were employed by corporations or entities in the public sector on discharge from one of the labour corps established before 1979; or

(b) was/were employed by the Gas Board until its dissolution and afterwards was/were employed by Enemalta Corporation; or

(c) was/were apprentices with the Malta Electricity Board until its dissolution and afterwards was/were employed by Enemalta Corporation.

"effective period" for persons referred to in points (a), (b) and (c) above means, the period between 16th January 1979, or the date of the official appointment of an applicant with a

entità fis-settur pubbliku jekk kienet wara d-data msemmija, u d-data meta l-applikant temm il-kariga tiegħu fis-settur pubbliku.

2. L-Applikabilità tal-Iskema

Din l-iskema tapplika għall-perjodu ta' żmien li applikant ħadem fis-settur pubbliku matul il-perjodu effettiv. L-applikant huwa intitolat għall-għotja ta' darba għas-servizz mogħti matul il-perjodu effettiv.

Din l-iskema tapplika għal ċittadini Maltin li huma msemmija f'taqsima (1) aktar 'il fuq.

L-Iskema tapplika wkoll għall-eredi ta' dawk l-individwi eliġibbli skont il-kundizzjonijiet tal-Iskema.

L-Iskema ma tapplikax għal dawk l-individwi li jirċievu, jew għandhom id-dritt li jirċievu, pensjoni skont l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kapitlu 93), l-Att dwar il-Pulizija (Kapitlu 164), l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta (Kapitlu 220) jew xi pensjoni tas-servizz oħra.

3. Kif tapplika u dokumenti meħtieġa

(i) Applikazzjonijiet ġodda taħt din l-Iskema għandhom isiru fuq il-formola tal-applikazzjoni murija fl-Iskeda ma' din l-Iskema u għandu jkun fihom it-tagħrif u d-dettalji kollha kif meħtieġ fl-imsemmija formola u skont din l-Iskema.

(ii) Fil-każ ta' applikazzjonijiet taħt din l-Iskema magħmula mill-eredi ta' persuna mejta, fejn hemm iktar minn eredi wieħed, trid issir applikazzjoni waħda konġunta mill-eredi. Flimkien mal-applikazzjoni għandha tiġi ppreżentata wkoll dikjarazzjoni magħmula quddiem nutar li fiha jiġi ddikjarat min huwa/huma l-eredi tal-persuna mejta liema persuna mejta kienet eliġibbli sabiex tapplika għal din l-Iskema u min huwa/hija l-eredi awtorizzat/a biex j/tirċievi l-pagament tal-għotja f'isem l-eredi kollha. Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jżomm id-dritt li jitlob il-preżentazzjoni ta' dokumenti oħra barra dawk imsemmija. Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jżomm id-dritt ukoll li jirrifjuta l-applikazzjoni jekk ma jkunx sodisfatt bid-dokumenti pprovduti.

(iii) Il-ħlas tal-għotja jsir biss għal dawk l-applikazzjonijiet li jikkwalifikaw u li jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskema.

corporation or entity in the public sector if such date is after the above-mentioned date, and the date when such applicant terminated his employment in the public sector.

2. Area of applicability

This Scheme applies to the period of time applicants served in the public sector during the effective period. The applicant shall only be entitled to a once-only grant in respect of the service rendered during the effective period.

The Scheme applies to citizens of Malta as defined in section (1) above.

The Scheme also applies to the heirs of such individuals if they satisfy the conditions of this Scheme.

The Scheme does not apply to individuals who are in receipt of, or have a right to receive, a pension under the Pensions Ordinance (Chapter 93), the Police Act (Chapter 164) or the Malta Armed Forces Act (Chapter 220) or any other service pension.

3. Manner of application and supporting documents

(i) New applications under this Scheme shall be made on the application form set out in the Schedule to this Scheme and shall contain all the information and details as required in the said form and in terms of this Scheme.

(ii) In the case of applications under this Scheme made by the heirs of a deceased applicant, where there is more than one heir, there shall be made one joint application by the heirs. Together with the application, there shall be produced a declaration made by a Notary Public, in which declaration there shall be declared who the heir or heirs of the deceased applicant is or are. In the eventuality that there is more than one heir, the heirs between them shall appoint and authorize one sole heir to receive payment., on behalf of all the heirs, on condition that the deceased was eligible to apply for the Scheme. The Department reserves the right to request the production of other documents besides the document herein mentioned. The Department also reserves the right to reject the application if it is not satisfied with the provided documents.

(iii) Only those applications that are found to conform with the provisions of this Scheme shall be eligible for payment of the grant.

(iv) Persuni li applikaw u li kienu eliġibbli skont l-Iskemi mxandra fil-Gazzetta tal-Gvern tal-24 ta' Mejju 2019, tat-8 ta' Mejju 2020, tas-27 ta' April 2021, tad-29 ta' April 2022 u tat-28 ta' April 2023, u li għadhom eliġibbli li jirċievu pagament għaliex kienu eliġibbli skont it-termini tal-Iskema, m'għandhomx għalfejn jerġgħu japplikaw taħt l-Iskema l-ġdida. Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ser jipproċessa l-pagamenti skont id-dettalji mogħtija.

(v) Iżda, f'każ ta' mewt ta' applikanti eliġibbli jew inkella ta' eredi awtorizzat, li kienu rċevew pagament taħt l-ewwel skema u sejħa għall-applikazzjonijiet fl-2019, fl-2020, fl-2021, fl-2022 u fl-2023, trid issir applikazzjoni mill-ġdid taħt din l-Iskema mill-eredi awtorizzat/a skont kif spjegat fil-klawsola 3 (ii) hawn fuq.

(vi) Persuni eligibbli li rtiraw fl-2023 u ma laħqux applikaw taħt l-Iskema ppubblikata fit-28 ta' April 2023, kif ukoll persuni eligibbli li ser jirtiraw matul l-2024 jistgħu japplikaw taħt din l-Iskema l-ġdida.

(vii) Applikazzjonijiet taħt din l-Iskema, inklużi d-dokumenti li għandhom jiġu mehmuża mal-applikazzjoni għandhom jintbagħtu bil-posta lid-Dipartment tas-Sigurtà Soċjali, f'38, Triq l-Ordinanza, il-Belt Valletta, VLT 1021, jew bil-posta elettronika fuq kuntattdss@gov.mt, mhux iżjed tard mill-31 ta' Lulju 2024. Għal aktar informazzjoni l-applikanti jistgħu jċemplu fuq freephone 153.

4. Ħlas tal-għotja

L-ammont tal-għotja għandu jitħallas lill-applikant eliġibbli direttament fil-kont bankarju skont l-istruzzjonijiet diġà magħrufa mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Ebda imgħax m'għandu jibda jiddekorri fuq l-ammont tal-għotja dovuta lill-applikant.

Hija kundizzjoni taħt din l-Iskema li applikant li jirċievi l-għotja jrid jirrinunzja għal kull pretenzjoni oħra futura marbuta mal-Iskema u jwaqqaf u jirtira kull kawża jew kawżi magħmula kontra l-Gvern, Awtorità jew entità oħra pubblika. Dan irid isir billi r-rikorrenti, jew l-eredi tagħhom, f'kull kawża jew kawżi jippreżentaw dikjarazzjoni maħlufa fir-reġistru tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn jiddikjaraw li qed iċedu u jirtiraw kull kawża jew kawżi pendenti. Prova ta' din ir-rinunzja u rtirar tal-kawża jew kawżi trid tiġi mehmuża mal-applikazzjoni kif spjegat fl-istess formola tal-applikazzjoni.

(iv) Persons who applied and were eligible under the Scheme issued in the Government Gazette of 24th May 2019, 8th May 2020, 27th April 2021, 29th April 2022 and 28th April 2023 and are still eligible to receive payment under the same Scheme need not re-apply under this new Scheme. The Department of Social Security will process payments on the basis of submitted information.

(v) However, in the case of the demise of an eligible applicant or authorized heir who received payment under the first call for applications, a fresh application under this new call has to be submitted by the heirs in the manner explained in sub-clause 3 (ii) above.

(vi) Eligible persons who retired in 2023 and failed to apply under the scheme published on 28th April 2023, as well as eligible persons who are due to reach retirement age in 2024 can apply under the new Scheme.

(vii) Applications under this Scheme, including the documents that are to be attached to the application, shall be sent by mail to the Department of Social Security in Malta, at 38, Ordnance Street, Valletta, VLT 1021, or on contactdss@gov.mt by 31st July 2024. For any further information or clarification applicants can call on freephone 153.

4. Payment of Grant

The amount of the grant will be paid to the eligible applicant by direct credit in the bank account of the eligible beneficiary as known to the Department of Social Security, acting on instructions of same beneficiaries. No interests shall run on the amount of the grant due to the applicant.

It is a condition of this Scheme that by accepting the grant, the applicant shall be renouncing to any other future claim related to this Scheme and shall withdraw any case presently instituted against Government, Authority or public entity. Plaintiffs, or their authorised heirs, in each case or cases have to present a sworn declaration in the Registry of the Superior Courts to renounce and withdraw the case or cases. Proof of such renunciation and withdrawal must be presented together with the application, as explained on same application form.

L-Iskema tista' tkun mifruxa fuq għadd ta' snin b'sejħiet separati għall-applikazzjonijiet minn żmien għal żmien. Kull sejħa tkun kull darba suġġetta għall-proċess ta' verifika. Id-dettalji jitħabbru ma' kull sejħa li tista' toħroġ.

5. Validità tal-applikazzjoni

Ma titqiesx li tkun saret applikazzjoni kemm-il darba din ma tkunx sħiħa u kompluta f'kull aspett materjali tagħha u kemm-il darba ma jkunx fiha t-tagħrif kollu mitlub fl-imsemmija applikazzjoni u dokumenti li jistgħu jiġu mitluba.

6. Reviżjoni ta' Deċiżjonijiet

Applikant li l-applikazzjoni tiegħu għall-ħlas ta' għotja taħt l-Iskema ma ġietx milqugħa, se jiġi infurmat b'dan ir-rifjut permezz ta' ittra mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

Applikant li jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni meħuda għandu d-dritt jitlob reviżjoni tal-imsemmija deċiżjoni fi żmien wieħed u għoxrin (21) ġurnata minn meta jirċievi d-deċiżjoni. It-talba għal reviżjoni flimkien ma' kopja tal-ittra tar-rifjut u provi dokumentati għandhom jintbagħtu matul il-perjodu stabbilit permezz ta' ittra reġistrata lis-Segretarju tal-Bord għar-Reviżjoni tal-Għotjiet, f'38, Triq l-Ordinanza, Il-Belt Valletta, VLT 1021.

Ir-reviżjoni tad-deċiżjoni għandha ssir mill-Bord għar-Reviżjoni tal-Għotjiet, liema Bord għandu jiġi stabbilit wara li tinħareg ordni mill-Ministru responsabbli għall-Finanzi u tiġi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern. Id-deċiżjoni tal-Bord għar-Reviżjoni tal-Għotjiet hija finali u m'għandu jkun hemm l-ebda appell mid-deċiżjoni tal-Bord.

7. Emendi għall-Iskema

Il-Ministru responsabbli għall-Finanzi jkollu d-dritt li jagħmel kull emenda f'din l-Iskema bil-pubblikazzjoni ta' dawk l-emendi fil-Gazzetta tal-Gvern.

The Scheme may be spread over a number of years with separate calls for application being issued from time to time. Each call for applications shall be subject to a separate verification process. The details shall be announced with each call which may be issued.

5. Validity of application

An application shall not be deemed to have been submitted unless it is full and complete in all material respects and unless it contains all the information and is accompanied by all the documentation requested therein.

6. Review of decisions

An applicant whose application for the payment of the grant under the Scheme is not acceded to shall be informed by the Department of Social Security of such refusal by means of a letter.

An applicant who feels aggrieved from the decision taken, has the right to request a revision of the said decision within twenty-one (21) days from the receipt of the decision. The request for a revision, together with a copy of the refusal letter, shall be sent within the established period by means of a registered letter addressed to the Secretary, Grant Review Board, 38, Triq l-Ordinanza, Valletta, VLT 1021.

The review of the decision shall be done by the Grant Review Board, which Board shall be set up following an order issued by the Minister responsible for Finance and published in the Government Gazette. The decision of the Grant Review Board shall be final and there shall be no appeal from the decision of the Board.

7. Amendments to the Scheme

The Minister responsible for Finance shall have the right to make any amendments to this Scheme. Any amendments thereto shall become effective upon their publication in the Government Gazette.

MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL

Formola tal-Applikazzjoni – 2024

Għotja ta' darba għal persuni li: (a) kienu impjegati f'xi korporazzjoni jew entità fis-settur pubbliku wara li għamlu xi żmien iservu f'wieħed mill-korpi tax-xogħol imwaqqfa qabel l-1979; jew (b) kienu impjegati mal-Gas Board sakemm dan spiċċa u wara kienu impjegati mal-korporazzjoni Enemalta; jew (c) kienu apprentisti mal-Malta Electricity Board sakemm dan spiċċa u wara kienu impjegati mal-korporazzjoni Enemalta.		
It-tagħrif mitlub minn sezzjoni 1.1 u sa 2.5 jrid jingħata f'kull applikazzjoni. It-tagħrif mitlub fis-sezzjonijiet minn 3.1 sa 3.6 jimtela biss jekk il-persuna li dwarha qed issir it-talba għadha ħajja.		
1.1	Isem u kunjom il-persuna li dwarha qed issir it-talba	
1.2	Numru tal-Karta tal-Identità	
1.3	Data tat-twelid	
2.1	Isem tal-korp u numru ta' reġistrazzjoni tal-korp jekk applikabbli (timtela biss minn dawk li kienu fil-korpi)	
2.2	Isem tal-korporazzjoni jew entità fis-settur pubbliku jew il-bord li miegħu l-applikant kien impjegat jew apprentist (Gas Board jew Malta Electricity Board) u n-numru ta' reġistrazzjoni jew referenza jekk applikabbli	
2.3	Data tal-impjieg fil-korporazzjoni jew entità jew meta l-applikant beda jaħdem mal-Gas Board jew meta beda l-apprentistat mal-Malta Electricity Board (skont il-każ)	
2.4	Data tal-ewwel ħatra uffiċjali fis-settur pubbliku	
2.5	Data tal-irtirar mis-settur pubbliku	
3.1	Isem u/jew numru tar-residenza	
3.2	Isem tat-Triq	
3.3	Lokalità	
3.4	Kodiċi Postali	
3.5	Numru tat-telefon	
3.6	Numru tat-telefon ċellulari	
It-tagħrif mitlub fis-sezzjonijiet minn 4.1 sa 5.6 jrid jingħata biss jekk il-persuna li dwarha qed issir it-talba ġiet nieqsa*.		
4.1	Isem u kunjom l-eredi li hu/hi awtorizzat/a t/jagħmel l-applikazzjoni	
4.2	Numru tal-Karta tal-Identità	
5.1	Isem u/jew numru tar-residenza	
5.2	Isem tat-Triq	
5.3	Lokalità	
5.4	Kodici Postali	
5.5	Numru tat-telefon	
5.6	Numru tat-telefon ċellulari	

**Fil-każ ta' applikazzjonijiet magħmula minn eredi ta' applikanti li ġew nieqsa, mal-applikazzjoni trid tiġi ppreżentata dikjarazzjoni mingħand nutar, fejn jiġi ddikjarat min huwa/huma l-eredi tal-persuna mejta u min huwa l-eredi awtorizzat/a biex j/tirċievi l-pagament tal-għotja f'isem l-eredi kollha. F'dak il-każ l-isem u l-kunjom u d-dettalji tal-eredi awtorizzat/a jrid jingħata fis-sessjonijiet 4.1 sa 5.6.*

L-applikazzjoni għandha tintbagħat bil-posta lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, f'38, Triq l-Ordinanza, il-Belt Valletta, VLT 1021, jew bil-posta elettronika fuq kuntattdss@gov.mt, mhux aktar tard **mill-31 ta' Lulju 2024.**

Tagħrif Importanti

It-tagħrif personali mogħti f'din l-applikazzjoni huwa protett u wżat skont l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data.

F'każ fejn ikun sar ħlas bi żball, il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal jirriserva d-dritt li jiġbor lura l-ammonti li jkunu tħallsu bi żball. Kemm-il darba jirriżulta li saret talba qarrieqa, il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal jista' jibda proċeduri kriminali kontra min ikun responsabbli.

It-tagħrif mogħti f'din il-formola tal-applikazzjoni ser jintuża mill-Ministeru għall-Finanzi u mill-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal.

Dikjarazzjoni

Niddikjara li d-dettalji u l-informazzjoni mogħtija f'din l-applikazzjoni huma korretti u sa fejn naf jien nikkwalifika biex nirċievi l-għotja ta' darba skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din l-Iskema.

Nagħraf li din t-talba hija waħda finali skont l-Iskema msemmija u meta naċċetta l-għotja, jien qed nirrinunzja għal kull pretenzjoni oħra futura marbuta mal-Iskema u nwaqqaf u nirtira kull kawża jew kawżi kontra l-Gvern, Awtorità jew entità oħra pubblika. Nifhem li r-rikorrenti, jew l-eredi tagħhom, f'kull kawża jew kawżi jridu jippreżentaw dikjarazzjoni maħlufa fir-reġistru tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn jiddikjaraw li qed iċedu u jirtiraw kull kawża jew kawżi pendenti.

Nifhem ukoll li l-għoti ta' informazzjoni falza jew qarrieqa fir-rigward ta' din il-formola ta' applikazzjoni huwa reat gravi u jista' jwassal għal ħtieġa li jkollha titħallas lura l-għotja sħiħa u li jittieħdu proċeduri kriminali.

_____	_____	_____
Firma tal-applikant/ Eredi awtorizzat/a	Numru tal-Karta tal-Identità	Data

MINISTRY FOR SOCIAL POLICY AND CHILDREN'S RIGHTS
Application Form – 2024

Once-only Grant for persons who:

(a) were employed by corporations or entities in the public sector on their discharge from one of the labour corps established before 1979; or
(b) were employed by the Gas Board until its dissolution and afterwards were employed by Enemalta Corporation; or
(c) were apprentices with the Malta Electricity Board until its dissolution and afterwards were employed by Enemalta Corporation.

Information requested in sections 1.1 to 2.5 to be filled in all applications. Information requested in sections 3.1 to 3.6 to be filled *only* if the person on behalf of whom the application is being made is still alive		
1.1	Name and surname of applicant or person on behalf of whom application is being made	
1.2	Identity Card number	
1.3	Date of birth	
2.1	Name of Labour Corps and registration number in the corps if applicable (to be filled only by former corps members)	
2.2	Name of entity (Gas Board or the Malta Electricity Board) with whom applicant was employed or an apprentice	
2.3	Date of enlistment in the corps or date of employment with Gas Board or date of appointment as apprentice with the Malta Electricity Board (as applicable)	
2.4	Date of the first official appointment in the public sector	
2.5	Date of retirement from the public sector	
3.1	Name and/or number of residence	
3.2	Name of street	
3.3	Locality	
3.4	Postcode	
3.5	Telephone number	
3.6	Mobile number	
Information requested in sections 4.1 to 5.6 to be filled only if the person on behalf of whom the application is being made is deceased*		
4.1	Name and surname of heir authorized to apply	
4.2	Identity Card number	
5.1	Name and/or number of residence	
5.2	Name of street	
5.3	Locality	
5.4	Postcode	
5.5	Telephone number	
5.6	Mobile number	

**In the case of applications made by heirs of deceased applicants, a declaration made by a notary public is to be submitted with the application form, in which declaration there shall be declared who the heir/heirs are and who is the sole heir authorized to receive payment on behalf of all heirs. Only the name and details of the authorized heir to receive payment shall be filled in sections 4.1 to 5.6.*

This application together with all the relevant documents are to be sent by post to the:

Department of Social Security, 38, Ordnance Street, Valletta, VLT 1021 or by e-mail on contactdss@gov.mt, by not later than **31st July 2024**.

Important Information

Personal information provided in this form is protected and used in accordance with the Data Protection Act.

In the event of an incorrect payment of a claim, the Ministry responsible for Social Policy and Children's Rights reserves the right to recover funds paid in error. Where a fraudulent claim arises, the Minister responsible for Social Policy and Children's Rights may initiate criminal proceedings against those responsible.

The information shown on the application form will be used by the Ministry for Finance and the Ministry for Social Policy and Children's Rights.

Declaration

I declare that the details and the information in this application are correct and that I am eligible to receive a once-only grant under the terms and conditions of the Scheme.

I declare that this claim under this particular Scheme is final and that by accepting the grant I am renouncing to any other future claim related to this Scheme and withdraw any case or cases, presently instituted against Government, Authority or public entity. I understand that plaintiffs or authorised heirs, in such case or cases have to additionally present a sworn declaration in the Registry of the Superior Courts to renounce and withdraw the case or cases.

I understand that giving false and misleading information in connection with this application form is a serious offence and may result in a requirement to repay the full grant and to face criminal proceedings.

_____	_____	_____
Signature of Applicant/ Authorised Heir	Identity Card No.	Date

Nru. 574

MINISTERU GĦALL-FINANZI

Għotja ta' darba

SABIEX tiġi implimentata waħda mill-miżuri mħabbra fil-Baġit għas-sena 2024, il-Prim Ministru, il-Ministru għall-Finanzi u l-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal fasslu l-Iskema li ġejja biex tipprovdi għotja ta' darba għal persuni li kienu impjegati mal-Korporazzjoni Telemalta bejn l-1 ta' Jannar, 1978 u l-15 ta' Jannar, 1979 (iż-żewġ ġranet inklużi).

SKEMA

1. L-Applikabilità tal-Iskema

Din l-iskema tapplika għal dawk il-persuni li kienu impjegati mal-Korporazzjoni Telemalta bejn l-1 ta' Jannar 1978 u l-15 ta' Jannar 1979 iżda li ma kkwalifikawx jew li mhux ser jikkwalifikawx għal pensjoni simili għal dik li tingħata lil impjegati tal-Gvern.

L-Iskema tapplika wkoll għall-eredi ta' dawk l-individwi eliġibbli skont il-kundizzjonijiet tal-Iskema.

2. Kif tapplika u dokumenti meħtieġa

(i) Applikazzjonijiet ġodda taħt din l-Iskema għandhom isiru fuq il-formola tal-applikazzjoni murija fl-Iskeda ma' din l-Iskema u għandu jkun fihom it-tagħrif u d-dettalji kollha kif meħtieġ fl-imsemmija formola u skont din l-Iskema.

(ii) Fil-każ ta' applikazzjonijiet taħt din l-Iskema magħmula mill-eredi ta' persuna mejta, fejn hemm iktar minn eredi wieħed, trid issir applikazzjoni waħda konġunta mill-eredi. Flimkien mal-applikazzjoni għandha tiġi ppreżentata wkoll dikjarazzjoni magħmula quddiem nutar li fiha jiġi ddikjarat min huwa/huma l-eredi tal-persuna mejta liema persuna mejta kienet eliġibbli sabiex tapplika għal din l-Iskema u min huwa/hija l-eredi awtorizzat/a biex

No. 574

MINISTRY FOR FINANCE

Once-Only Grant

IN order to implement one of the measures identified in Budget 2024, the Prime Minister, the Minister for Finance and the Minister for Social Policy and Children's Rights have developed the following Scheme that aims to provide a once-only grant for persons who were engaged by Telemalta Corporation between 1st January, 1978 and 15th January, 1979 (both days included)

SCHEME

1. Area of applicability

This Scheme applies to those persons who were engaged by Telemalta Corporation between 1st January 1978 and 15th January 1979 but have not qualified or may not qualify for a pension similar to that operated by Government for employees in the public service.

The Scheme also applies to the heirs of such individuals if they satisfy the conditions of this Scheme.

2. Manner of application and supporting documents

(i) Applications under this Scheme shall be made on the application form set out in the Schedule to this Scheme and shall contain all the information and details as required in the said form and in terms of this Scheme.

(ii) In the case of applications under this Scheme made by the heirs of a deceased applicant, where there is more than one heir, there shall be made one joint application by the heirs. Together with the application, there shall be produced a declaration made by a Notary Public, in which declaration there shall be declared who the heir or heirs of the deceased applicant is or are. In the eventuality that there is more than one heir, the heirs between them shall

j/tirċievi l-pagament tal-għotja f'isem l-eredi kollha. Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jżomm id-dritt li jitlob il-preżentazzjoni ta' dokumenti oħra barra dawk imsemmija. Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jżomm id-dritt ukoll li jirrifjuta l-applikazzjoni jekk ma jkunx sodisfatt bid-dokumenti pprovduti.

(iii) Il-ħlas tal-għotja jsir biss għal dawk l-applikazzjonijiet li jikkwalifikaw u li jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskema.

(iv) Applikazzjonijiet taħt din l-Iskema, inklużi d-dokumenti li għandhom jiġu mehmuża mal-applikazzjoni għandhom jintbagħtu bil-posta lid-Dipartment tas-Sigurtà Soċjali, f'38, Triq l-Ordinanza, il-Belt Valletta, VLT 1021, jew bil-posta elettronika fuq kuntattdss@gov.mt, mhux iżjed tard mill-31 ta' Lulju 2024. Għal aktar informazzjoni l-applikanti jistgħu jċemplu fuq freephone 153.

3. Ħlas tal-għotja

L-Iskema tista' tkun mifruxa fuq għadd ta' snin b'sejħiet separati għall-applikazzjonijiet minn żmien għal żmien. Kull sejħa tkun kull darba suġġetta għall-proċess ta' verifika. Id-dettalji jitħabbru ma' kull sejħa li tista' toħroġ.

L-ammont tal-għotja għandu jitħallas lill-applikant eliġibbli direttament fil-kont bankarju skont l-istruzzjonijiet diġà magħrufa mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Ebda imgħax m'għandu jibda jiddekorri fuq l-ammont tal-għotja dovuta lill-applikant.

Kull ammont li applikant ta' din l-Iskema seta' rċieva qabel din id-data taħt xi skema oħra, għandu jitnaqqas mill-ħlasijiet li jistgħu jkunu dovuti taħt din l-Iskema.

L-għotja taħt din l-Iskema tingħata biss jekk applikanti eliġibbli jirrinunzjaw għal kull talba oħra jew azzjoni

appoint and authorize one sole heir to receive the payment that may be made through this scheme,on behalf of all the heirs, on condition that the deceased was eligible to apply for the Scheme. The Department reserves the right to request the production of further documents besides the documents herein mentioned. The Department also reserves the right to reject the application if it is not satisfied with the provided documents.

(iii) Only those applications that are found to conform with the provisions of this Scheme shall be eligible for payment of the grant.

(iv) Applications under this Scheme, including documents that are to be attached to the application, shall be sent by mail to the Department of Social Security in Malta, at 38, Ordnance Street, Valletta, VLT 1021, or on contactdss@gov.mt by 31st July 2024. For any further information or clarification applicants can call on freephone 153.

3. Payment of Grant

The Scheme may be spread over a number of years with separate calls for application being issued from time to time. Each call for applications shall be subject to a separate verification process. The details shall be announced with each call which may be issued.

The amount of the grant will be paid to the eligible applicant by direct credit in the bank account of the eligible beneficiary as known to the Department of Social Security, acting on instructions of same beneficiaries. No interests shall run on the amount of the grant due to the applicant.

Any amount that may have been received by any of the applicants under any other scheme issued prior to this date, shall be deducted from payments that may become due under this scheme.

The grant under this scheme may only be awarded if the eligible applicant renounces to any other claim or pending

pendenti relatata mal-istess suġġett ta' din l-Iskema, li għandhom jew jista' jkollhom kontra l-Gvern.

4. Validità tal-applikazzjoni

Ma titqiesx li tkun saret applikazzjoni kemm-il darba din ma tkunx sħiħa u kompluta f'kull aspett materjali tagħha u kemm-il darba ma jkunx fiha t-tagħrif kollu mitlub fl-imsemmija applikazzjoni u dokumenti li jistgħu jiġu mitluba.

5. Reviżjoni ta' Deċiżjonijiet

Applikant li l-applikazzjoni tiegħu għall-ħlas ta' għotja taħt l-Iskema ma ġietx milqugħa, se jiġi infurmat b'dan ir-rifjut permezz ta' ittra mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

Applikant li jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni meħuda għandu d-dritt jitlob reviżjoni tal-imsemmija deċiżjoni fi żmien wieħed u għoxrin (21) ġurnata minn meta jirċievi d-deċiżjoni. It-talba għal reviżjoni flimkien ma' kopja tal-ittra tar-rifjut u provi dokumentati għandhom jintbagħtu matul il-perjodu stabbilit permezz ta' ittra reġistrata lis-Segretarju tal-Bord għar-Reviżjoni tal-Għotjiet, f'38, Triq l-Ordinanza, il-Belt Valletta, VLT 1021.

Ir-reviżjoni tad-deċiżjoni għandha ssir mill-Bord għar-Reviżjoni tal-Għotjiet, liema Bord għandu jiġi stabbilit wara li tinħareg ordni mill-Ministru responsabbli għall-Finanzi u tiġi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern. Id-deċiżjoni tal-Bord għar-Reviżjoni tal-Għotjiet hija finali u mhux appellabbli.

6. Emendi għall-Iskema

Il-Ministru responsabbli għall-Finanzi jkollu d-dritt li jagħmel kull emenda f'din l-Iskema bil-pubblikazzjoni ta' dawk l-emendi fil-Gazzetta tal-Gvern.
MT_05042024.pdf) jew jinkisbu mill-People Management Division, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku, numru tal-fax u l-indirizz elettroniku tad-Diviżjoni huma (https://sahha.gov.mt), +356 22992609 u (recruitment.health@gov.mt).

It-3 ta' Mejju, 2024

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA

Pożizzjoni ta' General Practitioner Trainee fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' General Practitioner Trainee fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assenjament ta' erba' (4) snin bħala General Practitioner Trainee fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, wara liema nuqqas ta' kisba tat-Tlestija taċ-Ċertifikazzjoni tat-Taħriġ Speċjalist Bażiku fil-Mediċina ta-Familja fi żmien erba' (4) snin jirriżulta f'assimilazzjoni laterali fil-post sostantiv ta' Staff Grade fl-iskala tas-salarju relattiva, suġġett għal kundizzjonijiet oħra kif stabbiliti fil-ftehim settorali.

2.2 Il-pożizzjoni ta' General Practitioner Trainee hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena (1).

2.3 Qed jiġi nnutat li bis-saħħa tar-Regolament 3 (2) (c), il-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat 'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss' mhix applikabbli fil-każ tal-proċess tal-għażla.

2.4 Persuna maħtura titħalla teżerċita l-professjoni privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali jew l-esiġenzi tas-servizz.

pdf) or may be obtained from People Management Division, Ministry for Health and Active Ageing, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address, fax number and email address of the receiving Division are (https://health.gov.mt), +356 22992609 and (recruitment.health@gov.mt).

3rd May, 2024

MINISTRY FOR HEALTH AND ACTIVE AGEING

Position of General Practitioner Trainee in the Ministry for Health and Active Ageing

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (People Management), Ministry for Health and Active Ageing, invites applications for the position of General Practitioner Trainee in the Ministry for Health and Active Ageing.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a four (4) year assignment as a General Practitioner Trainee in the Ministry for Health and Active Ageing, following which failure to achieve completion of General Practitioner Training in Family Medicine certification within four (4) years will result in lateral assimilation into the substantive post of Staff Grade at the relative salary scale subject to other conditions as established in the sectoral agreement.

2.2 The position of General Practitioner Trainee is subject to a probationary period of one (1) year.

2.3 It is hereby being noted that the Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts for Service for a Fixed Term Regulations' is not applicable in the case of this selection process by virtue of Regulation 3 (2) (c) thereof.

2.4 Appointees will be allowed to undertake private practice provided that:

a) it is carried out strictly outside official working hours; and

b) it does not interfere or conflict with the official duties or the exigencies of the service.

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3.1 Is-salarju għall-pożizzjoni ta' General Practitioner Trainee huwa ekwivalenti għal Skala ta' Salarju 8, li jibda mill-ħames tarġa fi Skala ta' Salarju 8, (li fis-sena 2024 huwa €29,126.34 fis-sena, li jitla' b'żidiet fis-sena ta' €486.83 sa massimu ta' €30,100.00) flimkien ma' Specialisation Allowance ta' €4,780 fis-sena, li titħallas fi tlettax-il pagament ugwali fis-sena.

3.2 Ladarba jitlestew b'suċċess l-kriterji stabbiliti mit-Training Co-ordinator, il-General Practitioner Trainees jipprogressaw minn General Practitioner Trainee 1 għal General Practitioner Trainee 2 u jitpoġġew f'mhux inqas mill-ħames tarġa ta' Skala ta' Salarju 7 (li fis-sena 2024 huwa ta' €30,980.66 fis-sena, li jitla' b'żidiet fis-sena ta' €531.17 sa massimu ta' €32,043.00) flimkien ma' Specialisation Allowance ta' €5,820 fis-sena, li titħallas fi tlettax-il pagament ugwali fis-sena.

Dmirijiet

4.1 Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' General Practitioner Trainee jinkludu li:

i. Jaħdem fid-Dipartiment rispettiv fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva. Hu jkun jaħdem kull ħin taħt is-superviżjoni tas-superjuri tiegħu u jkun responsabbli direttament lejn il-Principal General Practitioner inkarigat u ultimament lejn iċ-Chairperson Kliniku;

ii. Jipparteċipa fl-attivijatjiet akkademiċi organizzati mid-Dipartiment rispettiv fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva;

iii. Itemm b'suċċess il-ħtiġiet speċifikati fil-kurrikulu ta' taħriġ rispettiv u l-esiġenzi tal-ispeċjalità kif approvati mill-Kumitat għall-Approvazzjoni dwar Speċjalisti ta' Malta;

iv. Ikun meħtieġ li jwettaq żjajjar fid-djar għal pazjenti li jkollhom bżonn dan is-servizz billi jagħmel użu mill-vettura tiegħu;

v. Jieħu kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu, kif jista' jkun meħtieġ;

vi. Jagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva;

vii. Iwettaq kull kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

viii. Iwettaq kull dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Salary Pegged to the Position

3.1 The salary attached to the position of General Practitioner Trainee is equivalent to Salary Scale 8, starting from the fifth step of Salary Scale 8, (which in the year 2024) is €29,126.34 per annum, rising by annual increments of €486.83 up to a maximum of €30,100.00 together with a Specialization Allowance of €4,780 per annum, which shall be paid in thirteen equal instalments per annum.

3.2 Upon successful completion of the criteria set by the Training Co-ordinator, General Practitioner Trainees will progress from General Practitioner Trainee 1 to General Practitioner Trainee 2 and shall be placed in not less than the fifth step of Salary Scale 7, (which in the year 2024 is €30,980.66 per annum, rising by annual increments of €531.17 up to a maximum of €32,043.00 together with a Specialization Allowance of €5,820 per annum, which shall be paid in thirteen equal instalments per annum.

Duties

4.1 The job duties for the position of General Practitioner Trainee include:

i. Works in the respective Department within the Ministry for Health and Active Ageing. He/she will work at all times under the supervision of his/her seniors and will be directly accountable to the Principal General Practitioner in charge and ultimately to the Clinical Chairperson;

ii. Participates in academic activities organised by the respective Department within the Ministry for Health and Active Ageing;

iii. Successfully completes the requirements specified in the respective training curriculum and exigencies of the Specialty as approved by the Specialist Accreditation Committee of Malta;

iv. Be required to undertake home visits for patients needing this service by making use of own vehicle;

v. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him as may be required;

vi. Makes use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health and Active Ageing;

vii. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

viii. Carries out any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

4.2 Il-persuna maħtura tista' tkun meħtieġa taqdi dmirijiet fi kwalunkwe servizzi tal-kura tas-saħħa tal-Gvern ta' Malta f'Malta u/jew f'Għawdex skont id-diskrezzjoni tal-Amministrazzjoni.

4.3 Il-persuna appuntata taħdem skont roster stabbilita li tista' tinkludi dmirijiet ta' billejl. Din ir-roster tieħu inkonsiderazzjoni l-ħtiġiet tat-taħriġ kif applikabbli minn żmien għal żmien kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u Btajjel Pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skont ir-rati approvati. Erba' Sigħat fil-ġimgħa ta' protected time bil-ħlas ikun allokat għal taħriġ ta' wara l-gradwazzjoni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt irregolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u lIrlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

4.2 An appointee may be required to perform duties in any of the health care services of the Government of Malta in Malta and/or in Gozo at the discretion of the Management.

4.3 The appointee will work with an established roster which may include night duty. This roster will take into consideration training requirements as may be applicable from time to time as well as the exigencies of the service. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) hours per week and for work performed on Sundays and Public Holidays. Four (4) hours per week paid protected time will be allocated for postgraduate training purposes.

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of the other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

(iii) (a) irreġistrati bis-sħiħ mal-Kunsill Mediku ta' Malta u fil-pussess tal-warrant biex jipprattikaw; U

(b) fil-pussess tal-Foundation Programme Certificate Of Completion (FPCC) maħruġ mill-Malta Foundation School jew kwalifika li hi meqjusa mill-Kunsill Mediku ta' Malta bħala xierqa, rilevanti u komparabbli.

Aktar minn hekk, dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu formalment r-rekwiżiti speċifikati f'paragrafu 5.1 (iii) (a) u (b), xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li jikkwalifkaw għal tali ħtiġiet sal-31 ta' Diċembru, 2024. Jekk jintgħażlu, tali kandidati jridu jipreżentaw ir-rekwiżiti indikati f'paragrafu 5.1 (iii) (a) u (b) qabel il-ħatra.

5.2 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt).

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

(ii) able to communicate in the Maltese and English languages.

(iii) (a) fully registered with the Medical Council of Malta and in possession of a warrant to practise; AND

(b) in possession of the Foundation Programme Certificate of Completion (FPCC) issued by the Malta Foundation School or a qualification which is deemed by the Medical Council of Malta to be appropriate, relevant and comparable.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained the requisites specified in paragraph 5.1 (iii) (a) and (b) will still be considered, provided that they submit evidence that they would qualify for such requirements by the 31st December, 2024. If selected, such candidates must produce the requisites indicated in paragraph 5.1 (iii) (a) and (b) before appointment.

5.2 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not.

Submission of Supporting Documents

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Proċeduri tal-Għażla

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 sa 5.2 għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata;

evidenza ta' edukazzjoni medika kontinwa u riċerka;

liċenzja tas-sewqan nadifa.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttorat tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171, permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq talapplikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Mejju, 2024. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

8.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.4 Applikanti jingħataw sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

8.5 L-applikanti li wkoll għandhom l-intenzjoni li japplikaw għall-pożizzjoni ta' Basic Specialist Trainee, li qed tiġi rreklamata f'sejħa għall-applikazzjonijiet separata, għandhom jirrankjaw bi preferenza għal pożizzjoni ta' General Practitioner Trainee fil-Formola ta' Dikjarazzjoni li tista' tiġi aċċessata mill-Portal tar-Reklutaġġ tal-Gvern online (http://recruitment.gov.mt) flimkien mal-

Selection Procedures

7.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 5.1 to 5.2 above, have proven relevant work experience.

proven relevant work experience;

evidence of continued medical education and research;

a clean driving licence.

Submission of Applications

8.1 Applications are to be submitted, for the attention of the People Management Division, Ministry for Health and Active Ageing, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 17th May, 2024. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

8.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

8.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

8.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latest, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

8.5 Applicants who also intend to apply for the position of Basic Specialist Trainee, which is being advertised in a separate call for applications, must rank the preference for the position of General Practitioner Trainee in the Declaration Form, which may be accessed on the online Government Recruitment Portal (http://recruitment.gov.mt), together with all chosen Basic Specialist Trainee specialties,

ispeċjalitajiet magħżula kollha tal-Basic Specialist Trainee f'ordni waħda ta' preferenza. Madankollu, formola ta' applikazzjoni separata, flimkien mad-dokumentazzjoni ta' sapport, għandhom jiġu sottomessi għall-pożizzjoni ta' General Practitioner Trainee u għal kull speċjalità taħt is-sejħa ta' Basic Specialist Trainee.

L-applikanti jistgħu jissottomettu aktar minn applikazzjoni waħda, iżda ma jistgħux jeċċedu total ta' ħamsa (5) kemm għall-Basic Specialist Trainee kif ukoll għall General Practitioner Trainee. F'każ li jiġu sottomessi aktar minn ħames (5) applikazzjonijiet, l-ewwel ħames preferenzi biss ddikjarati jkunu kkunsidrati.

8.6 Qed jiġi nnutat li fil-każ li l-Formola ta' Dikjarazzjoni ma tiġix riċevuta kompluta sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, il-Ministeru jirriżerva d-dritt li jassenja persuna magħżula fi speċjalità skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_04_08_09_26_51_GP_MT_05042024.pdf) jew jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku tal-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva huwa (https://sahha.gov.mt), numru tal-fax huwa +356 22992604 u l-indirizz elettroniku tad-Diviżjoni huwa (recruitment.health@gov.mt).

It-3 ta' Mejju, 2024

in a single order of Submission of Supporting Documents Selection Procedures Submission of Applications preference. However, a separate application form, together with supporting documentation, should be submitted for the position of General Practitioner Trainee and for each specialty under the call of Basic Specialist Trainee.

Applicants can submit more than one application, but must not exceed five (5) in total for both Basic Specialist Trainee as well as for General Practitioner Trainee. In the event that more than five (5) applications are submitted, only the first five (5) preferences declared are to be taken into consideration

8.6 It is noted that in the event that a complete Declaration Form is not received by the closing time and date of this call for applications, the Ministry reserves the right to assign a successful applicant to a specialty in accordance with the exigencies of the Public Service.

Other General Provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_04_08_09_26_23_GP_ENG_05042024.pdf) or may be obtained from the People Management Division, Ministry for Health and Active Ageing, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address of the Ministry for Health and Active Ageing is (https://health.gov.mt), the fax number is +356 22992604, and email address is (recruitment.health@gov.mt).

3rd May, 2024

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA

Post ta' Assistant Manager fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, tistieden applikazzjonijiet għall-Post ta' Assistant Manager biex iwettaq dmirijiet ta' operat u sapport fl-Uffiċju tad-Direttur Ġenerali għall-Istrategija u l-Implimentazzjoni fi ħdan is-Saħħa, fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sitt (6) xhur.

2.2 Waqt il-perjodu ta' probation/prova, dawk appuntati jridu jkunu temmew b'suċċess kors ta' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.3 Is-salarju ta' Assistant Manager li jidħol fil-grad bir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà ta' paragrafu 4.1 (iii) (a) jew (iii) (c) huwa ta' Skala ta' Salarju 12, li fis-sena 2024 huwa ta' €21,236.00 fis-sena, li jiżdied bi €354.00 fis-sena sa massimu ta' €23,360.00.

2.4 Persuna fil-grad ta' Assistant Manager fi Skala ta' Salarju 12 titla' għal Skala 11, li fis-sena 2024 hija ekwivalenti għal €22,642.98 fis-sena, li tiżdied b'żidiet annwali ta' €375.17 sa massimu ta' €24,894.00, mal-kisba ta' Diploma fil-Livell 5 tal-MQF kif imsemmija fil-paragrafu 4.1(iii) (b).

2.5 Persuna fil-grad ta' Assistant Manager li tissodisfa l-klawsola 4.1 (iii) (b) titpoġġa fi Skala ta' Salarju 11, u titla' fi Skala 10 (€24,085.98 x €407.67 - €26,532.00) fis-sena 2024 wara tliet (3) snin servizz bħala Assistant Manager fi Skala ta' Salarju 11, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.6 Mhux se jkun possibbli li jintalab trasferiment qabel perjodu ta' sentejn (2) mill-ħatra. Hekk kif jiskadi l-imsemmi perjodu ta' sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet xi mkien ieħor fil-qasam tal-ispeċjalizzazzjoni, skont il-postijiet vakanti stabbiliti.

2.7 Ir-riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

MINISTRY FOR HEALTH AND ACTIVE AGEING

Post of Assistant Manager in the Ministry for Health and Active Ageing

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (People Management), Ministry for Health and Active Ageing, invites applications for the post of Assistant Manager to perform operations and support duties at the Office of the Director General for Strategy and Implementation within Health in the Ministry for Health and Active Ageing.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of six (6) months.

2.2 During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

2.3 The salary for the post of Assistant Manager for those applicants entering into the grade under the eligibility provisions of paragraph 4.1 (iii) (a) or (iii) (c) is Salary Scale 12, which in the year 2024 is equivalent to, €21,236.00 per annum, rising by annual increments of €354.00 up to a maximum of €23,360.00.

2.4 An Assistant Manager in Salary Scale 12 will progress to Scale 11, which in the year 2024 is equivalent to €22,642.98 per annum, rising by annual increments of €375.17 up to a maximum of €24,894.00, on attainment of the MQF Level 5 Diploma referred to in paragraph 4.1 (iii) (b).

2.5 An Assistant Manager who satisfies the eligibility provision of paragraph 4.1 (iii) (b) will be placed in Salary Scale 11, and will progress to Scale 10 (€24,085.98x €407.67 - €26,532.00) in the year 2024 on completion of three (3) years service as Assistant Manager in Salary Scale 11, subject to satisfactory performance.

2.6 It will not be possible to request a transfer before a two (2) year period from date of appointment. On the lapse of a two (2) year period, appointees may only be transferred at their own request to carry out duties elsewhere in the area of specialisation, in accordance with established vacancies.

2.7 The result will be valid for a period of two (2) years from the date of publication.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Assistant Manager jinkludu li:

i. Jikkordina u jwettaq xogħol amministrattiv ta' kuljum kif jista' jkun meħtieġ;

ii. Taħt id-direzzjoni tas-superjur tiegħu/tagħha, jassisti fil-ġabra ta' rapporti ta' kull xahar u anwali u jiżgura li l-implimentazzjoni tkun skont l-iskedi stabbiliti;

iii. Jassisti fil-produzzjoni, l-evalwazzjoni u tqassim tar-rapporti u jorganizza, jagħmel il-preżentata u jżomm dokumentazzjoni rigward il-proġetti kollha li jkunu għaddejjin;

iv. Jattendi u/jew jirrappreżenta lid-Dipartiment f'konferenzi, laqgħat, seminars, kumitati u pjattaformi ta' diskussjoni. Iħejji rapporti/komunikazzjonijiet u jagħmel il-follow-up ta' komunikazzjoni kif xieraq, skont l-istruzzjoni tas-superjur tiegħu/tagħha;

v. Ikun involut fil-ħidma tad-Dipartiment jew kwalunkwe uffiċċju delegat ieħor, u jkollu rwol attiv bħala membru tat-tim;

vi. Jassisti fil-ħtiġiet u r-rekwiżiti tal-akkwist tad-Dipartiment rispettiv;

vii. Jieħu ħsieb b'mod bażiku ż-żamma tal-kotba;

viii. Iżomm ruħu aġġornat ma' sistemi bażiċi, proċeduri u applikazzjonijiet, u jsegwi taħriġ kif jintalab jagħmel;

ix. Jassisti f'ħidmiet ta' kuljum, li jinkludu l-immaniġġjar u d-distribuzzjoni ta' korrispondenza u talbiet għall-informazzjoni, iżomm ir-rekords, kif ukoll l-inputtjar u l-aġġornament ta' informazzjoni bbażata fuq sistemi tal-kompjuter u databases;

x. Jassisti fit-tmexxija u l-esekuzzjoni ġenerali tal-proġetti mwettqa mid-Dipartiment rispettiv;

xi. Jiżviluppa pjanijiet ta' ħidma, inklużi skedi ta' żmien u miri tal-proġetti mwettqa mid-Dipartiment;

xii. Jiżgura effiċjenza massima fl-esekuzzjoni b'suċċess ta' proġetti għal standards ta' kwalità meħtieġa;

xiii. Jidentifika, fuq bażi kontinwa, kwalunkwe kwistjonijiet li jistħoqqilhom l-attenzjoni tas-superjur tiegħu/tagħha;

xiv. Jipprovdi sapport u pariri lill-maniġment superjuri u jagħmel follow-up dwar l-implimentazzjoni ta' proġetti, kif meħtieġ;

Duties

3. The job duties for the post of Assistant Manager include:

i. Co-ordinating and executing daily administrative tasks as may be required;

ii. Under the direction of his/her superior, assisting in the compilation of monthly and annual reports and ensure that implementation is according to set schedules;

iii. Assisting in the production, evaluation and dissemination of reports, and organising filing and maintaining documentation regarding all undergoing projects;

iv. Attending and/or representing the Department in conferences, meetings, seminars, committees and discussion platforms. Preparing reports/communications and following-up communication accordingly, under the instruction of the Supervisor;

v. Being involved in work of the Department or any other delegated Office, and playing an active role as a team member;

vi. Assisting in procurement needs and requirements of the respective Department;

vii. Deals with basic book keeping;

viii. Keeps abreast with basic procedures and applications, and follows training as directed;

ix. Assists in day-to-day operations, including the management and distribution of correspondence and queries, record keeping, as well as inputting and updating of computer-based information and databases;

x. Assisting the overall management and execution of projects undertaken by the respective Department;

xi. Developing work plans, including timelines and targets of the projects undertaken by the Department;

xii. Ensuring maximum efficiency in the successful execution of projects to required quality standards;

xiii. Identifying, on an ongoing basis, any issues which merit the attention of his/her superiors;

xiv. Providing support and advice to the senior management, and following up on the implementation of projects as necessary;

xv. Jiżgura komunikazzjoni effiċjenti mal-partijiet interessati kollha rilevanti u mal-mexxejja tal-proġett u jikkordina u jipparteċipa f'laqgħat regolari kif u meta jkun meħtieġ;

xvi. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

xvii. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-

xv. Ensuring efficient communication with all relevant stakeholders and with project leaders and coordinate and participate in regular meetings as and when required;

xvi. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xvii. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006 or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the Family Reunification Regulations, 2007; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità

Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

iii. a. fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 4 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 120 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) fil-Business Administration jew Management Studies jew Communications jew f'oqsma rilevanti kif determinat mill-maniġment.

JEW

b. fil-pussess ta' Diploma rikonoxxuta komparabbli fil-Livell 5 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) fil-Business Administration jew Management Studies jew Communications jew f'oqsma rilevanti kif determinat mill-maniġment.

JEW

c. (i) fil-pussess ta' żewġ (2) suġġetti fil-Livell Avvanzat u tliet (3) suġġetti fil-Livell Intermedju tal-Matrikola (li għandhom jinkludu tnejn (2) minn dawn is-suġġetti: Malti jew Ingliż jew kwalifika komparabbli pertinenti rikonoxxuta.

JEW

(ii) fil-pussess ta' tliet (3) suġġetti fil-Livell Avvanzat (li jrid jinkludi wieħed (1) minn dawn is-suġġetti: Ingliż).

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 120/60 krettu ECTS/ECVET, hekk kif applikabli, hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

Kandidati magħżula li huma fil-pussess ta' kwalifika rikonnoxxta fil-Livell 4 tal-MQF (kwalifika jew żewġ suġġetti fil-Livell Avvanzat flimkien ma' tliet suġġetti fil-Livell

should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in the Maltese and English languages;

iii. a. in possession of a recognised qualification MQF Level 4 (subject to a minimum of 120 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Business Administration or Management Studies or Communications, or in relevant areas as determined by Management.

OR

b. in possession of a recognised Diploma at MQF Level 5 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Business Administration or Management Studies or Communications, or in relevant areas as determined by management.

OR

c. (i) In possession of two (2) subjects at Advanced Level and three (3) subjects at Intermediate Matriculation Level (which must include two (2) of the following subjects: Maltese or English) or a recognised pertinent comparable qualification.

OR

(ii) In possession of three (3) subjects at Advanced Level (which must include one (1) of the following subjects: English).

*A recognised qualification comparable to 120/60 ECTS/ECVET credits, as applicable, is only accepted subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with the application.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

Successful candidates who are in possession of a recognised MQF Level 4, (qualification or two subjects at Advanced Level and three subjects at Intermediate

Intermedju tal-Matrikola jew fil-pussess ta' tliet (3) suġġetti fil-Livell Avvanzat, jew kwalifika rikonoxxuta komparabbli), fl-oqsma indikati fil-paragrafu 4.1 (iii) (a) jew (c) jidħlu bħala Assistant Manager (Skala ta' Salarju 12). Mal-akkwist ta' Diploma rilevanti fil-Livell 5 tal-MQF f'oqsma relatati, dawn l-uffiċjali jipprogressaw għal Assistant Manager (Skala ta' Salarju 11). Il-progressjonijiet l-oħra kollha għandhom ikunu skont id-dispożizzjonijiet indikati fid-dokument li jismu 'Working Conditions for Officers within the Managerial Stream for Qualified Personnel'.

4.2 (i) Kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar'l isfel).

4.3 Kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 iii (a) sa 4.1 iii (c) jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_04_08_09_26_51_GP_MT_05042024.pdf), xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sal-31 ta' Ottubru, 2024. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

4.4 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li

Matriculation level, or in possession of three (3) subjects at Advanced Level, or a recognised comparable qualification) in the areas highlighted in 4.1 (iii) (a) or (c), shall enter as Assistant Manager (Salary Scale 12). On attainment of a relevant MQF Level 5 in related areas such officers shall progress to Assistant Manager (Salary Scale 11). All other progressions shall be in accordance with the provisions stipulated in the document entitled 'Working Conditions for Officers within the Managerial Stream for Qualified Personnel'.

4.2 (i) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the abovementioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

7.1 L-Applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tas-Sezzjoni tal-People Management, Direttorat Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju tal-Prim Ministru, permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Mejju, 2024. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provedimenti ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

Submission of Supporting Documents

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.5, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the People Management Section, Finance and Administration Directorate, Office of the Prime Minister, through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 17th May, 2024. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latest, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-settur pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_04_08_09_26_51_GP_MT_05042024.pdf) jew jinkisbu mis-Sezzjoni tal-People Mangement, Direttorat Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju tal-Prim Ministru, il-Berġa ta' Kastilja, Il-Belt Valletta. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huma u (http://www.opm.gov.mt) u (human-resources.opm@gov.mt)

It-3 ta' Mejju, 2024

AĠENZIJA NAZZJONALI GĦALL-ARTI PERFORMATTIVA

Creative Content and Learning Officer

Isem tal-Kumpanija/Organizzazzjoni: ŻfinMalta

Post: L-uffiċini ta' ŻfinMalta

Dwar il-Kumpanija:

L-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva (NAPA) hija ggovernata minn bord tad-diretturi u chairperson, filwaqt li mmexxija minn kap eżekuttiv, direttur tal-amministrazzjoni u tliet diretturi artistiċi. Dan jiżgura li l-viżjoni artistika, l-iżvilupp u l-identità ta' KorMalta, TeatruMalta u ŻfinMalta huma distinti, ċari u li qed jitwettqu.

Ta' kull sena, it-tliet entitajiet se joħolqu programm artistiku kull wieħed, waqt li jikkollaboraw fuq proġetti koprodotti għall-udjenzi lokali u dawk internazzjonali, li jirrappreżentaw is-settur tal-arti Malti fuq livell internazzjonali, u jiggarantixxu kalendarju nazzjonali b'saħħtu u mżewwaq għax-xena lokali. Dan kollu se jkun

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of public sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_04_08_09_26_23_GP_ENG_05042024.pdf) or may be obtained from the People Management Section, Finance and Administration Directorate, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Directorate are (http://www.opm.gov.mt) and (human-resources.opm@gov.mt).

3rd May, 2024

NATIONAL AGENCY FOR THE PERFORMING ARTS

Creative Content and Learning Officer

Company/Organization Name: ŻfinMalta

Location: ŻfinMalta offices and studios

About Us:

The National Agency for the Performing Arts is governed by a board of directors and a chairperson, while being managed by an executive head, a director of administration and three artistic directors. This ensures that the artistic vision, development, brand and identity of KorMalta, TeatruMalta and ŻfinMalta are distinct, clear-cut and in progress.

The three entities will each produce a yearly stand-alone artistic programme, whilst also collaborate on coproduction projects for a local and international audience, representing the Maltese performing arts sector on an international level, and guaranteeing a strong curated and consolidated national calendar for the local performing arts sector. This remit will

qed joħloq sinerġija bejn organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi oħra (PCOs) u oħrajn mis-settur privat.

L-għan ta' din l-Aġenzija, li ġiet imwaqqfa fl-2023, huwa li ssir l-aġenzija nazzjonali li tkopri dak kollu relatat mal-arti performattiva, li toħloq dibattitu, u li tiffoka fuq it-teatru, żfin u kant tal-korijiet, waqt li tipproduċi produzzjonijiet li jilħqu livell nazzjonali mill-aqwa permezz ta' ħidma fuq proċessi artistiċi eċċellenti fi ħdan il-komunitajiet u f'postijiet edukazzjonali oħra. B'hekk, l-Aġenzija se taħdem biex tiżviluppa udjenzi ġodda għall-arti performattiva waqt li tkompli ssaħħaħ lil dawk diġà eżistenti. Permezz ta' dan se tkun qed tkabbar u ttejjeb il-parteċipazzjoni tal-udjenzi tagħha u se sservi wkoll ta' katalista għal talent ġdid li jiġi msaħħaħ permezz tar-rabtiet nazzjonali mas-settur edukattiv.

Il-kumpanija nazzjonali taż-żfin, ŻfinMalta, hija ensemble ta' żeffiena b'talent mill-aqwa u b'varjetà ta' influwenzi u opinjonijiet diversi li jagħmlu parti minn dik li hi Malta tal-lum. Imnedija fl-2014, il-kumpanija malajr saret waħda mill-organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi ewlenin f'pajjiżna u fuq quddiem tax-xena artistika kontemporanja f'Malta. Matul dan iż-żmien, il-kumpanija kienet pijuniera fi ħsibijiet ġodda u friski dwar iż-żfin kontemporanju fil-Gżejjer Maltin u għolliet il-livell ġmielu taż-żfin lokali matul is-snin.

Immexxija mid-direttur artistiku kurrenti, il-kumpanija ħadmet mal-aqwa żeffiena u koreografi minn Malta u minn madwar id-dinja biex itellgħu produzzjonijiet kurrenti, b'saħħithom u tal-ogħla livell.

ŻfinMalta pprovdiet spazju għall-artisti biex jiżviluppaw u jieħdu riskji, jikkontribwixxu għal ekoloġija taż-żfin espansiva f'Malta u internazzjonalment, u jipprovdu opportunitajiet għal dawk li jixtiequ jkomplu jaspiraw u jispeċjalizzaw fiż-żfin, biex ikollhom lok fejn jirrikonoxxu t-talent tagħhom.

Ir-repertorju ta' ŻfinMalta bħalissa huwa bbażat fuq produzzjonijiet, bl-involviment ta' koreografi, disinjaturi tas-sett u tal-kostumi, kompożituri u artisti viżwali minn Malta u barra u jissieħbu ma' organizzazzjonijiet oħra fit-teatru, l-opra, il-mużika u l-arti viżwali. Ix-xogħol ta' ŻfinMalta jinkoraġixxi l-udjenzi jistaqsu u jikkontemplaw dwar id-dinja ta' bħalissa, bil-għan li jarrikkixxu l-ħajja ta' dawk kollha li jesperjenzaw xi produzzjoni tal-kumpanija – l-udjenzi, il-kollaboraturi u l-parteċipanti.

Deskrizzjoni tax-Xogħol

L-Aġenzija qed tfittex lil xi ħadd dinamiku u innovattiv biex jingħaqad mat-tim bħala Creative Content and Learning Officer. Ir-responsabbiltajiet ta' dan ix-xogħol jinkludu l-ħolqien ta' kontenut interessanti u l-implimentazzjoni ta' sensibilizzazzjoni effettiva waqt li jkun hemm ukoll inizjattivi ta' tagħlim biex jappoġġjaw l-objettivi tal-organizzazzjoni.

include a strategy for creating synergies with other public cultural organisations (PCOs) as well as the private sector.

Set up in 2023 the Agency aims to become the national go-to agency for the performing arts, creating debate, focusing on theatre, dance and choir singing, whilst producing work which reaches a national level of excellence through working on artistic processes of excellence within the communities and available educational channels. Thus, the Agency will also develop new audiences for the performing arts and continue to strengthen available ones, thus improving audience growth and engagement and participation, and also act as a catalyst for new talent through strengthened national connections with the educational sector.

ŻfinMalta National Dance Company is a talented and adaptable dance ensemble, with a diversity of creative voices reflecting the many influences that are part of today's Malta. Established in 2014, the company has quickly become one of the country's leading public cultural organisations, at the forefront of Malta's contemporary art scene. During this time, the company has pioneered fresh thinking about contemporary dance in the Maltese Islands and raised the profile of dance exponentially.

Led by current artistic director the company has worked with the best dancers and choreographers from Malta and around the globe to create productions that are bold and current and of a world-class standard.

ŻfinMalta has provided a space for artists to develop and take risks, contributing to an open and expansive dance ecology in Malta and internationally, and providing opportunities for aspiring, emerging and established dance professionals to realise their potential.

ŻfinMalta's current repertoire is based on productions, engaging choreographers, set and costume designers, composers and visual artists from Malta and internationally, and partnering with other organisations in theatre, opera, music and the visual arts. Their work invites audiences to contemplate and question the contemporary world, with the ambition to enrich the lives of all who interact with the company – audiences, collaborators and participants alike.

Job Description

The Agency is seeking a dynamic and innovative individual to join the team as a Creative Content and Learning Officer. In this role, you will be responsible for developing engaging content and implementing effective outreach and learning initiatives to support our organization's objectives.

Responsabbiltajiet Ewlenin

Żvilupp kreattiv u kontenut interessanti fuq mezzi diversi, li jinkludu l-kitba, il-viżiv u formats oħra, biex b'hekk jiġu kkommunikati b'mod effettiv il-kunċetti u l-messaġġi;

Flimkien mal-Education Executive jippjanaw u jimplimentaw programmi ta' tagħlim u materjali adattati għal stili u preferenzi differenti ta' tagħlim, filwaqt li jiżguraw l-interess massimu min-naħa tal-udjenza;

Li jmexxi lezzjonijiet u workshops li jaqgħu taħt il-programm ta' edukazzjoni u sensibilizzazzjoni tal-kumpanija fejn meħtieġ;

Flimkien mal-Marketing Manager (ta' ŻfinMalta) jissorveljaw u jevalwaw l-effettività tal-kampanji u l-inizjattivi u r-rispons ta' rappreżentazzjonijiet oħra, u jirrakkomandaw x'jista' jsir aħjar;

Is-sit elektronniku u l-midja soċjali jkunu aġġornati;

Jibqgħu aġġornati ma' dak li jkun qed jiġri fl-industrija.

Rekwiżiti

Grad ta' Baċellerat fil-Komunikazzjoni jew Marketing, jew f'qasam relatat

Jew

Esperjenza ppruvata fi żvilupp tal-kontenut kreattiv u ddisinjar ta' soluzzjonijiet ta' tagħlim effettiv, preferibbilment f'ambitu ta' korporazzjoni jew organizzazzjoni

Ħiliet ta' kitba u editjar u komunikazzjoni b'saħħithom, bl-abbiltà li jwassal ideat kumplessi b'mod mill-iktar ċar u konċiż

Ħiliet ta' mmaniġġjar ta' proġetti u ħiliet ta' organizzazzjoni mill-aqwa, bl-abbiltà li jmexxi prijoritajiet diversi u jżomm ma' skadenzi b'mod effettiv

L-applikant għandu jkollu ħsieb kreattiv, abbiltajiet li jsolvi l-problemi li jiltaqa' magħhom, u passjoni għall-innovazzjoni u t-tagħlim kontinwu.

Kif Wieħed Jista' Japplika

CV/resume u ittra ta' akkumpanjament li tinkludi l-kwalifiki, l-esperjenza rilevanti u raġunijiet għall-interess f'din il-pożizzjoni għandhom jintbagħtu lil (christabel.borg-preca@napa.mt). Is-suġġett 'Creative Content and Learning

Key Responsibilities

Develop and implement creative and compelling content across various mediums, including written, visual, and multimedia formats, to effectively communicate key messages and concepts;

Together with the Education Executive design and implement outreach learning programs and materials that cater to diverse learning styles and preferences, ensuring maximum engagement with the public;

To lead sessions and workshops falling under the company's education and outreach programme where necessary;

Together with the Marketing Manager monitor and evaluate the effectiveness of ŻfinMalta campaigns and initiatives through feedback, and other performance metrics, and make recommendations for improvement as needed;

Ensure all social media platforms and ŻfinMalta website are up to date;

Stay informed about industry trends, best practices.

Qualifications

Bachelor's degree in Communication, Marketing, or related field

Or

Proven experience in developing creative content and designing effective learning solutions, preferably in a corporate or organizational setting

Strong writing, editing, and communication skills, with the ability to convey complex ideas clearly and concisely

Excellent project management and organizational skills, with the ability to manage multiple priorities and deadlines effectively

Creative thinking, problem-solving abilities, and a passion for innovation and continuous learning.

How to Apply

A resume/CV and a cover letter outlining the qualifications, relevant experience, and reasons of interest in this position are to be sent to (christabel.borg-preca@napa.mt). The subject 'Creative Content and Learning

Officer Application' għandu jkun inkluż fis-suġġett tal-ittra elettronika.

Għeluq tal-Applikazzjoni

Nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Mejju, 2024

It-3 ta' Mejju, 2024

L-AĠENZIJA TAT-TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

Solutions Architect

Permess tal-Jobsplus 212/2017

Id-Dipartiment tas-Servizzi ta' Abilitazzjoni Diġitali huwa responsabbli għall-bini ta' dawk is-servizzi kondiviżi li jippermettu t-trasformazzjoni diġitali tal-Gvern. Il-portafoll jinkludi s-sistema tal-identità elettronika, l-eIDAS Node, il-Single Digital Gateway, in-Node EBSI, ir-Reġistru tal-Persuni u r-Reġistru tal-Indirizzi. Fl-istess ħin id-Dipartiment qed jagħmel ġestjoni tas-servizz bl-ogħla livell ta' dixxiplina, u qed iwassal proġetti b'metodi u teknoloġija avvanzata biex tinkiseb trasformazzjoni.

Is-sena li għaddiet, waħda mill-akbar kisbiet kienet li jassigura għal Malta t-tielet post fil-gamification tat-tielet avveniment Projectathon tas-Single Digital Gateway organizzat mill-Kummissjoni Ewropea. Din il-kisba turi l-kwalità eċċezzjonali tat-tim tekniku, iżda issa hemm ħafna aktar li għad irid jintlaħaq.

Id-Dipartiment għandu bżonn isaħħaħ il-kapaċità tiegħu li jżomm u jtejjeb is-Single Digital Gateway, u wkoll li jipparteċipa b'mod attiv fil-bini ta' prototipi biex jikkatalizzaw l-użu tal-pjattaforma. Għal din is-sena għandu diversi avvenimenti x'jattendi fuq livell Ewropew u l-prestazzjoni tiegħu għandha effett dirett fuq il-livell ta' eċċellenza miksuba minn Malta f'dan il-qasam. Għandu wkoll ħafna interess permezz tal-programm tiegħu Euritas biex jaqsam l-esperjenza ma' pajjiżi oħra. Għal din ir-raġuni l-MITA għandha post għal Solutions Architect.

Rekwiżiti ta' Eliġibilità

Il-kandidati eliġibbli għandu jkollhom waħda mill-kumbinazzjonijiet ta' kwalifiki u esperjenza li ġejjin f'qasam relatat mal-ICT:

i) Kwalifika (Livell 7 tal-MQF jew ogħla); jew

ii) Kwalifika (Livell 6 tal-MQF) u sena (1) esperjenza; jew

iii) Kwalifika (Livell 5 tal-MQF) u tliet (3) snin esperjenza; jew

Officer Application' is to be included in the subject line of the email.

Deadline for Applications

On Friday, 10th May, 2024

3rd May 2024

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AGENCY

Solutions Architect

Jobplus Permit 212/2017

The Digital Enabling Services Department is responsible for building those shared services that will enable the digital transformation of Government. The portfolio includes the electronic identity system, the eIDAS Node, the Single Digital Gateway, the EBSI Node, the Person Register and the Address Register. The Department is simultaneously doing service management with the highest level of discipline, and leading projects with cutting edge methods and technology to achieve transformation.

Last year, one of its biggest achievements was to secure for Malta the third place in the gamification of the third Projectathon event of the Single Digital Gateway organised by the European Commission. This achievement demonstrates the exceptional quality of the technical team, but now there is much more to achieve.

The Department needs to strengthen its capability to maintain and enhance the Single Digital Gateway, and also to actively participate in building prototypes to catalyse the use of the platform. It has for this year several events to attend to at European level and its performance has a direct bearing on the level of excellence attained by Malta in this area. It also has a lot of interest through its Euritas programme to share experience with other countries. For this reason, MITA has an opening for a Solutions Architect.

Eligibility Requirements

Eligible candidates will hold either of the following combinations of qualifications and experience in an ICT related area:

i) A qualification (MQF Level 7 or higher); or

ii) A qualification (MQF Level 6) and one (1) year experience; or

iii) A qualification (MQF Level 5) and Three (3) years' experience; or

iv) Kwalifika (Livell 4 tal-MQF) u erba' (4) snin esperjenza; jew

v) Ħames (5) snin esperjenza f'qasam relatat mal-ICT.

Applikanti għandhom jibagħtu CV dettaljat flimkien ma' ittra ta' akkumpanjament sal-Erbgħa, 15 ta' Mejju, 2024, lil: (careers.mita@gov.mt).

It-3 ta' Mejju, 2024

iv) A qualification (MQF Level 4) and four (4) years' experience; or

v) Five (5) years' experience in an ICT related area.

Applicants are to send a detailed CV together with a covering email by Wednesday, 15th May, 2024, to (careers.mita@gov.mt).

3rd May, 2024

L-AĠENZIJA TAT-TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

Software Developer

Permess tal-Jobsplus 589/2016

Id-Dipartiment tas-Servizzi ta' Abilitazzjoni Diġitali huwa responsabbli għall-bini ta' dawk is-servizzi kondiviżi li jippermettu t-trasformazzjoni diġitali tal-Gvern. Il-portafoll tiegħu jinkludi s-sistema tal-identità elettronika, l-eIDAS Node, il-Single Digital Gateway, in-Node EBSI, ir-Reġistru tal-Persuni u r-Reġistru tal-Indirizzi. Fl-istess ħin id-Dipartiment qed jagħmel ġestjoni tas-servizz bl-ogħla livell ta' dixxiplina, u qed iwassal proġetti b'metodi u teknoloġija avvanzata biex tinkiseb trasformazzjoni.

Biex ikunu sostnuti l-isforzi għas-segwiment ta' dawn l-inizjattivi, id-Dipartiment regolarment ifittex li jimpjega individwi li qed jibdew il-karriera tagħhom fl-ICT u li jixtiequ jipprovdu kontribut sinifikanti filwaqt li jiksbu esperjenza f'ambjent b'espożizzjoni għal proġetti u teknoloġiji avvanzati. Il-post battal fil-livell ta' Software Developer jinkludi diversi dixxiplini. Il-kandidat magħżul jista' jkun involut f'ambjent devops, jew iwettaq assigurazzjoni tal-kwalità fi ħdan qafas ta' ġestjoni tal-fornitur, jew inkella jassisti fil-ġestjoni tad-dejta.

Rekwiżiti ta' Eliġibbiltà

Il-kandidati li jintgħażlu huma mistennija li jkollhom waħda mis-sett ta' kwalifiki u/jew esperjenza li ġejjin:

i) Kwalifika relatata mal-ICT (Livell 5 tal-MQF) jew ogħla, f'liema każ l-esperjenza mhix meħtieġa; jew

ii) Kwalifika relatata mal-ICT (Livell 4 tal-MQF) flimkien ma' sena (1) esperjenza f'qasam relatat; jew

iii) Sentejn (2) esperjenza f'qasam relatat mal-ICT.

Kwalunkwe student jista' jiġi offrut opportunità ta' impjieg soġġett għall-għoti ta' riżultati finali.

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AGENCY

Software Developer

Jobsplus Permit 589/2016

The Digital Enabling Services Department is responsible for building those shared services that will enable the digital transformation of Government. The portfolio includes the electronic identity system, the eIDAS Node, the Single Digital Gateway, the EBSI Node, the Person Register and the Address Register. The Department is simultaneously doing service management with the highest level of discipline, and leading projects with cutting edge methods and technology to achieve transformation.

To sustain its efforts to pursue these initiatives the Department regularly seeks to recruit individuals who are starting their career in ICT and who wish to provide a meaningful contribution while gaining experience in an environment with exposure to cutting edge projects and technologies. The vacancy at Software Developer level encompasses various disciplines. The successful candidate could be engaged in a devops kind of environment, or perform quality assurance within a supplier management framework, or else assist in data management.

Eligibility requirements

The successful candidates will be expected to hold either of the following set of qualifications and/or experience:

i) An ICT related qualification (MQF Level 5) or higher, in which case experience is not necessary; or

ii) An ICT related qualification (MQF Level 4) together with one (1) year experience in a related area; or

iii) Two (2) years' experience in an ICT related area.

Any students may be offered an employment opportunity subject to the provision of final results.

Il-kwalifiki, l-esperjenza u l-kompetenzi tal-kandidati jiġu vvalutati skont il-qafas tal-Progressjoni tal-Karriera tal-Aġenzija. Kandidati li jirnexxu jistgħu jiġu ingaġġati jew fil-Livell Assoċjat – Livell tal-Karriera 2, fil-Livell Standard – Livell tal-Karriera 3, jew fil-Livell Anzjan – Livell tal-Karriera 4.

CV dettaljat flimkien ma' ittra elettronika ta' akkumpanjament għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard mill-Erbgħa, 15 ta' Mejju, 2024, lil (careers.mita@gov.mt)

It-3 ta' Mejju, 2024

L-AĠENZIJA TAT-TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

Konsulent

Permess tal-Jobsplus 305/2021

Id-Dipartiment tas-Servizzi ta' Abilitazzjoni Diġitali huwa responsabbli għall-bini ta' dawk is-servizzi kondiviżi li jippermettu t-trasformazzjoni diġitali tal-Gvern. Il-portafoll tad-Dipartiment jinkludi s-sistema tal-identità elettronika, l-eIDAS Node, is-Single Digital Gateway, in-Node EBSI, ir-Reġistru tal-Persuni u r-Reġistru tal-Indirizzi. Fl-istess ħin qed jagħmel ġestjoni tas-servizz bl-ogħla livell ta' dixxiplina, u qed iwassal proġetti b'metodi u teknoloġija avvanzata biex tinkiseb trasformazzjoni.

Is-sena li għaddiet, waħda mill-akbar kisbiet kienet li d-Dipartiment jassigura għal Malta t-tielet post fil-gamification tat-tielet avveniment Projectathon tas-Single Digital Gateway organizzat mill-Kummissjoni Ewropea. Din il-kisba turi l-kwalità eċċezzjonali tat-tim tekniku, iżda issa hemm ħafna aktar li għad irid jintlaħaq.

Id-Dipartiment irid isaħħaħ il-kapaċità tiegħu li jagħmel ġestjoni tas-servizz u jipprovdi servizzi ta' konsulenza lill-klijenti hekk kif ifittxu li jintegraw mas-servizzi tiegħu. Għal din ir-raġuni għandu post għal Konsulent tal-ICT. Din hija pożizzjoni hands-on fejn il-kandidati huma mistennija li jkunu kompetenti biżżejjed fuq livell tekniku u operazzjonali biex jgħinu lit-timijiet fi ħdan id-Dipartiment jilħqu l-għanijiet tagħhom. Importanti li l-kandidati jkunu lesti li jabbozzaw u jżommu d-dokumentazzjoni meħtieġa biex tinkiseb konformità mal-ISO27001.

Rekwiżiti ta' Eliġibilità

Il-kandidati eliġibbli jridu jissodisfaw waħda mill-għażliet li ġejjin f'termini ta' kwalifiki u/jew esperjenza f'qasam relatat mal-ICT:

Candidates' qualifications, experience and competencies will be assessed in line with the Agency's Career Progression framework. Successful candidates may be engaged at either the Associate level – Career Level 2, the Standard Level – Career Level 3, or the Senior Level – Career Level 4.

A detailed CV together with a covering email are to be sent by not later than Wednesday, 15th May, 2024, to (careers.mita@gov.mt).

3rd May, 2024

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AGENCY

Consultant

Jobsplus Permit 305/2021

The Digital Enabling Services Department is responsible for building those shared services that will enable the digital transformation of Government. The portfolio includes the electronic identity system, the eIDAS Node, the Single Digital Gateway, the EBSI Node, the Person Register and the Address Register. The Departmnet is simultaneously doing service management with the highest level of discipline, and leading projects with cutting edge methods and technology to achieve transformation.

Last year, one of its biggest achievements was to secure for Malta the third place in the gamification of the third Projectathon event of the Single Digital Gateway organised by the European Commission. This achievement demonstrates the exceptional quality of the technical team, but now there is much more to achieve.

The Department needs to strengthen its capability to do service management and provide consultancy services to clients as they seek to onboard to its services. For this reason, it has an opening for an ICT Consultant. This is a hands-on position where the candidates are expected to be sufficiently competent at a technical and operational level to help the teams within the Department to achieve their objectives. Importantly, the candidates should be ready to draft and maintain documentation required to achieve compliance with ISO27001.

Eligibility Requirements

Eligible candidates must satisfy one of the following options in terms of qualifications and/or experience in an ICT-related area:

Kwalifika (Livell 7 tal-MQF) jew ogħla u ħames (5) snin esperjenza relatata mal-ICT, li tlieta (3) minnhom iridu jkunu f'livell ta' tmexxija/teknika għolja; jew

Kwalifika (Livell 6 tal-MQF) u sitt (6) snin esperjenza, li tlieta (3) minnhom iridu jkunu f'livell ta' tmexxija/teknika għolja; jew

għaxar (10) snin ta' esperjenza, li tlieta (3) minnhom iridu jkunu f'livell ta' tmexxija/teknika għolja

CV dettaljat flimkien ma' ittra elettronika ta' akkumpanjament flimkien ma' kopji skennjati taċ-ċertifikati għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard mill-Erbgħa, 15 ta' Mejju, 2024, lil (careers.mita@gov.mt).

It-3 ta' Mejju, 2024

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Kunsill tal-ELT

Kumitat tal-Għażla tal-Premjijiet ELT

Espressjoni ta' Interess

Il-Kunsill għat-Tagħlim tal-Ingliż lill-Barranin (ELT Council) qed jistieden persuni kkwalifikati sabiex jissottomettu Espressjoni ta' Interess biex ikunu parti mill-Kumitat tal-Għażla għall-11-il edizzjoni tal-Premju Professjonali għall-Ispirazzjoni fl-ELT 2024 u t-tielet edizzjoni tal-Premju għas-Servizz fil-Karriera fl-ELT.

Dott. Odette Vassallo, Membru tal-Kunsill tal-ELT, se tippresjedi l-Kumitat tal-Għażla, li se jkollu dawn l-għanijiet:

jirrevedi n-nominazzjonijiet;

jagħżel ir-rebbieħa;

jiġbor tagħrif addizzjonali kif meħtieġ mill-Kunsill tal-ELT fir-rigward tal-premjijiet.

Termini ta' Referenza

L-għanijiet u l-oġġettivi tal-Kumitat tal-Għażla

Kif indikat hawn fuq

Il-Laqgħat

Se jsiru mhux iktar minn tliet laqgħat, filwaqt li xogħol ieħor se jsir permezz ta' korrispondenza bl-ittri elettroniċi.

A qualification (MQF Level 7) or higher and five (5) years' ICT-related experience, three (3) of which must be in a leadership/senior technical level; or

A qualification (MQF Level 6) and six (6) years of experience, three (3) of which must be at a leadership/senior technical level; or

Ten (10) years of experience, three (3) of which must be at a leadership/senior technical level

A detailed CV together with a covering email, scanned copies of certificates are to be submitted by not later than the Wednesday, 15th May, 2024, to (careers.mita@gov.mt).

3rd May, 2024

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

ELT Council

Award Selection Committee

Expression of interest

The ELT Council is inviting suitably qualified individuals to submit an Expression of Interest to form part of the Award Selection Committee for the11th Inspiring ELT Professional Award 2024 and the 3rd ELT Career Service Award.

Dr Odette Vassallo, ELT Council Member, will chair the Award Selection Committee, which will have the purpose to:

review the nominees;

select the award winner;

collect additional information as required by the ELT Council in relation to the awards.

Terms of Reference

Purpose and objectives of the Selection Committee

As indicated above

Meetings

A maximum of three meetings will be held, while other work will be done via email correspondence. Estimated time

Il-ħin allokat għall-proċeduri kollha se jkun, bejn wieħed u ieħor, sitt (6) siegħat għal kull membru.

Rimunerazzjoni

Kull membru se jitħallas €100 malli l-proċess jintemm kollu.

Perjodu

Ġunju-Ottubru 2024

Jistgħu japplikaw dawk li għandhom Livell ta' Kwalifikazzjoni 7 fl-ELT/TESOL, u mill-inqas 1500 siegħa ta' esperjenza fit-tagħlim u t-taħriġ fil-qasam tal-ELT. Min jixtieq jibgħat Espressjoni ta' Interess jista' jagħmel dan permezz ta' ittra elettronika lil (info@eltcouncil.com.mt) sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Mejju, 2024.

It-3 ta' Mejju, 2024

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni jgħarraf illi minħabba l-organizzazzjoni tal-Public Service Expo 2024, iż-żona f'Ta' Qali biswit il-BOV Adventure Park immarkata bl-iswed fil-pjanta li tidher hawn taħt se tkun magħluqa għat-traffiku u ma jistax isir parkeġġ mhux awtorizzat bejn nhar l-Erbgħa, 15 ta' Mejju u l-Ħadd, 19 ta' Mejju, 2024 mill-4.00 a.m. sal-10.00 p.m. Vetturi pparkjati bla awtorizzazzjoni jiġu mneħħija.

It-3 ta' Mejju, 2024

to be allocated for the entire procedure is six (6) hours per member.

Remuneration

A payment of €100 will be paid to each committee member upon completion of the process.

Duration

June-October 2024

Those having Level 7 qualification in ELT/TESOL, at least 1500 hours of teaching/training experience in the ELT sector, and would like to express their interest, are to send an email to (info.eltcouncil@gov.mt) by Friday, 24th May, 2024.

3rd May, 2024

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Suspension of Traffic and Parking

The Office of the Principal Permanent Secretary notifies that due to the organisation of the Public Service Expo 2024 the area in Ta' Qali adjacent to the BOV Adventure Park marked in black in the plan shown below will be closed to traffic and unauthorised parking cannot take place between Wednesday, 15th May and Sunday, 19th May, 2024 from 4.00 a.m. to 10.00 p.m. Unauthorized unattended parked cars will be towed.

3rd May, 2024



UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni jgħarraf illi minħabba l-organizzazzjoni tal-Public Service Expo 2024, iż-żona f'Ta' Qali biswit il-BOV Adventure Park immarkata bl-iswed fil-pjanta li tidher hawn taħt se tkun magħluqa għat-traffiku u ma jistax isir parkeġġ mhux awtorizzat nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Mejju, 2024 mill-5.00 a.m. sas-2.00 p.m. Vetturi pparkjati bla awtorizzazzjoni jiġu mneħħija.

It-3 ta' Mejju, 2024

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Suspension of Traffic and Parking

The Office of the Principal Permanent Secretary notifies that due to the organisation of the Public Service Expo 2024 the area in Ta' Qali adjacent to the BOV Adventure Park marked in black in the plan shown below will be closed to traffic and unauthorised parking cannot take place on Friday, 17th May, 2024 from 5.00 a.m. till 2.00 p.m. Unauthorized unattended parked vehicles will be towed.

3rd May, 2024



MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali

Talbiet għall-Pagamenti għall-Appoġġ biex tikkumpensa għaż-Żieda fil-Prezzijiet tal-Għalf

Il-Kummissjoni Ewropea introduċiet qafas għal miżuri ta' Għajnuna Finanzjarja Temporanja mill-Istat minħabba

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

The Agriculture and Rural Payments Agency (ARPA)

Payment Claims for Support to compensate for the Increase in the Prices of Fodder

The European Commission has introduced a temporary framework on State Aid in response to the impact of Russia's

l-impatt tal-invażjoni tar-Russja fl-Ukrajna biex jiġu appoġġjati r-raħħala u intrapriżi żgħar u medji (SMEs) partikolarment affettwati.

L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA), fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali (MAFA), qiegħda tavża li d-data tal-għeluq għal talbiet ta' Għajnuna Finanzjarja Temporanja mill-Istat lill-bdiewa hija l-Erbgħa, 15 ta' Mejju, 2024.

Sabiex raħħal ikun eliġibbli jrid ikun jaqa' taħt waħda mill-kategoriji li ġejjin:

Raħħal irreġistrat mad-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja (VRD) u li bbenefika mill-iskema tal-Appoġġ Akoppjat għall-Introjtu (CIS) tal-ħalib fis-sena 2023;

Raħħal irreġistrat mad-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja (VRD) u li bbenefika mill-iskema tal-Appoġġ Akoppjat għall-Introjtu (CIS) taċ-ċanga fis-sena 2023;

Raħħal irreġistrat mad-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja (VRD) u li bbenefika mill-iskema tal-Appoġġ Akoppjat għall-Introjtu (CIS) tan-nagħaġ fis-sena 2023;

Raħħal irreġistrat mad-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja (VRD) li kellu mill-inqas 20 mogħża mara sal-31 ta' Diċembru, 2023.

L-applikanti jridu jissottomettu Formola ta' Pagament Bankarju valida lill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA).

It-talbiet għall-pagamenti se jintlaqgħu sa mhux aktar tard minn nhar l-Erbgħa, 15 ta' Mejju, 2024.

Il-benefiċjarji eliġibbli li rċevew l-applikazzjoni bil-posta għandhom jimlewha u jibagħtuha bil-posta lill-ARPA fl-envelop ipprovdut mal-istess applikazzjoni.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb billi:

iżżur is-sit elettroniku tal-Aġenzija (www.arpa.gov.mt)

iċċempel in-numru tat-telefown 2292 6148

tibgħat ittra elettronika lil (arpa.mafa@gov.mt)

It-3 ta' Mejju, 2024

invasion of Ukraine to help the farmers and small companies which were particularly impacted.

The Agriculture and Rural Payments Agency (ARPA), within the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights (MAFA), notifies livestock farmers that the deadline for the submission of the Temporary Financial State Aid Application is Wednesday, 15th of May, 2024.

In order to be eligible, livestock farmers will have to fall within one of the following categories:

Farmers registered with dairy farms with the Veterinary Regulation Directorate (VRD) who benefitted from the CAP CIS milk scheme in claim year 2023;

Farmers registered with beef farms with the Veterinary Regulation Directorate (VRD) who benefitted from the CAP CIS beef scheme in claim year 2023;

Farmers registered with sheep farms with the Veterinary Regulation Directorate (VRD) who benefited from the CAP CIS sheep scheme in claim year 2023;

Farmers registered with goat farms with the Veterinary Regulation Directorate (VRD) with at least 20 female heads by 31st December, 2023.

Applicants must submit a valid Bank Payment Form to ARPA

Payment claims will be accepted until no later than Wednesday, 15th of May, 2024.

The eligible beneficiaries will need to complete the prefilled application they received by mail and submit it to ARPA using the enclosed self-addressed envelope.

Further information may be obtained by:

visiting the Agency's website (www.arpa.gov.mt)

telephone number 2292 6148

sending an email to (arpa.mafa@gov.mt)

3rd May, 2024

MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, UGWALJANZA, IR-RIFORMI U D-DJALOGU SOĊJALI

AVVIŻ - 1 ta' Mejju

Business Enhance Grant Schemes

Digitalise your Business
Digitalise your Micro Business

Pjan ta' Rkupru u Reżiljenza għal Malta

Id-Diviżjoni tal-Miżuri u s-Sapport fi ħdan il-Ministeru għall-Fondi Ewropej, Ugwaljanza, ir-Riformi u Djalogu Soċjali (MEES), hija l-istituzzjoni inkarigata mit-twettiq tal-Investiment C3-I4 'L-introduzzjoni ta' miżuri biex tiġi intensifikata d-diġitalizzazzjoni tas-settur privat.' L-istruttura ta' ġestjoni hija stabbilita permezz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-Pjan ta' Rkupru u Reżiljenza għal Malta 11941/21 appoġġat minn Anness ADD 1, bir-Regolament (UE) 2021/241 u tal-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea stabbilit minn Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094.

Id-Diviżjoni tal-Miżuri u s-Sapport tixtieq tħabbar dati ġodda ta' cut-off sal-aħħar tal-2024 għas-Sejħiet imsemmija. Id-dati ta' cut-off jiskadu f'nofsinhar tal-ġranet imsemmija:

L-1 Sejħa Digitalise your Business	12 ta' Lulju 2024	16 ta' Awwissu 2024	13 ta' Settembru 2024	18 ta' Ottubru 2024	15 ta' Novembru 2024	16 ta' Diċembru 2024
L-1 Sejħa Digitalise your Micro Business	31 ta' Lulju 2024	30 ta' Awwissu 2024	30 ta' Settembru 2024	31 ta' Ottubru 2024	29 ta' Novembru 2024	31 ta' Diċembru 2024
Call 1 Digitalise your Business	*12 July 2024*	*16 August 2024*	*13 September 2024*	*18 October 2024*	*15 November 2024*	*16 December 2024*
Call 1 Digitalise your Micro Business	*31 July 2024*	*30 August 2024*	*30 September 2024*	*31 October 2024*	*29 November 2024*	*31 December 2024*

Aktar tagħrif u dokumentazzjoni dwar l-iskemi tal-għotja ta' diġitalizzazzjoni, inklużi n-Noti Gwida rispettivi u l-Gwida għall-Utent għall-Applikazzjoni jistgħu jinkisbu minn fuq (https://fondi.eu) jew billi tikkuntattja lid-Diviżjoni tal-Miżuri u s-Sapport permess ta' (msd.eufunds@gov.mt) jew fuq 2555 2635. L-applikanti nteressati jistgħu jfittxu għajnuna wkoll minn Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) fuq (info.sem@gov.mt).

It-3 ta' Mejju, 2024

Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
NextGenerationEU

MINISTRY FOR EUROPEAN FUNDS, EQUALITY, REFORMS AND SOCIAL DIALOGUE

ANNOUNCEMENT - 1st May

Business Enhance Grant Schemes

Digitalise your Business
Digitalise your Micro Business

Recovery and Resilience Plan for Malta

The Measures and Support Division, within the Ministry for European Funds, Equality, Reforms and Social Dialogue (MEES), is the institution in charge of the implementation of investment C3-I4 'Rolling out measures to intensify the digitalisation of the private sector'. The management structure is established by Council Implementing Decision on the approval of the assessment of the Recovery and Resilience Plan for Malta 11941/21 and supporting Annex ADD 1, by Regulation (EU) 2021/241 and of the European Union Recovery Instrument set up by Council Regulation (EU) 2020/2094.

The Measures and Support Division would like to announce further cut-off dates until end 2024 for the following Calls. The cut-off dates are set at noon of the following dates:

L-1 Sejħa Digitalise your Business	12 ta' Lulju 2024	16 ta' Awwissu 2024	13 ta' Settembru 2024	18 ta' Ottubru 2024	15 ta' Novembru 2024	16 ta' Diċembru 2024
L-1 Sejħa Digitalise your Micro Business	31 ta' Lulju 2024	30 ta' Awwissu 2024	30 ta' Settembru 2024	31 ta' Ottubru 2024	29 ta' Novembru 2024	31 ta' Diċembru 2024
Call 1 Digitalise your Business	*12 July 2024*	*16 August 2024*	*13 September 2024*	*18 October 2024*	*15 November 2024*	*16 December 2024*
Call 1 Digitalise your Micro Business	*31 July 2024*	*30 August 2024*	*30 September 2024*	*31 October 2024*	*29 November 2024*	*31 December 2024*

Further information relating to digitalisation Grant Schemes, including the respective Guidance Notes and the User Guide to the Application may be obtained from (https://fondi.eu) or by contacting the Measures and Support Division on (msd.eufunds@gov.mt) or 2555 2635. Interested applicants may wish to seek assistance from Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) on (info.sem@gov.mt).

3rd May, 2024

Funded by the European Union
NextGenerationEU

MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, UGWALJANZA, IR-RIFORMI U D-DJALOGU SOĊJALI

AVVIŻ - 1 ta' Mejju

Business Enhance Grant Schemes
ERDF Grant Schemes 2021-2027

Start-up Enhance
SME Enhance (GBER)
SME Enhance (de minimis)
Business Reports for SMEs

Id-Diviżjoni tal-Miżuri u s-Sapport fi ħdan il-Ministeru għall-Fondi Ewropej, Ugwaljanza, ir-Riformi u Djalogu Soċjali (MEES), hija maħtura mill-Awtorità ta' Ġestjoni (MA) bħala l-Korp Intermedjarju responsabbli mill-amministrazzjoni tal-iskemi ta' għajnuna taħt il-Fond ta' Żvilupp Reġjonali Ewropew (FEŻR) permess ta' Miżuri ta' Sapport fi ħdan il-programm 2021-2027.

Din id- Diviżjoni tixtieq tavża aktar dati ta' cut-off għas-Sejħiet imsemmija sal-aħħar tal-2024. Id-dati ta' cut-off jiskadu f'nofsinhar tal-ġranet imsemmija:

L-1 Sejħa 1 Start-up Enhance L-1 Sejħa SME Enhance (GBER) L-1 Sejħa SME Enhance (de minimis)	31 Lul	30 Aww	30 Sett	31 Ott	29 Nov	31 Diċ
Call 1 Start-up Enhance *Call 1 SME Enhance (GBER)* *Call 1 SME Enhance (de minimis)*	*31 Jul*	*30 Aug*	*30 Sep*	*31 Oct*	*29 Nov*	*31 Dec*
	12 Lul	16 Aww	13 Set	18 Ott	15 Nov	16 Diċ
L-1 Sejħa Business Reports for SMEs	31 Lul	30 Aww	30 Sett	31 Ott	29 Nov	31 Diċ
Call 1 Business Reports for SMEs	*12 Jul*	*16 Aug*	*13 Sep*	*18 Oct*	*15 Nov*	*16 Dec*
	31 Jul	*30 Aug*	*30 Sep*	*31 Oct*	*29 Nov*	*31 Dec*

Aktar tagħrif u dokumentazzjoni dwar l-ERDF Grant Schemes, inklużi n-Noti Gwida rispettivi u l-Gwida għall-Utent għall-Applikazzjoni jistgħu jinkisbu minn fuq (https://fondi.eu) jew billi tikkuntattja lid-Diviżjoni tal-Miżuri u s-Sapport permess ta' (msd.eufunds@gov.mt) jew fuq 2555 2635. L-applikanti nteressati jistgħu jfittxu għajnuna wkoll minn Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) fuq (info.sem@gov.mt).

It-3 ta' Mejju, 2024

Kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea

MINISTRY FOR EUROPEAN FUNDS, EQUALITY, REFORMS AND SOCIAL DIALOGUE

ANNOUNCEMENT - 1st May

Business Enhance Grant Schemes
ERDF Grant Schemes 2021-2027

Start-up Enhance
SME Enhance (GBER)
SME Enhance (de minimis)
Business Reports for SMEs

The Measures and Support Division within the Ministry for European Funds, Equality, Reforms and Social Dialogue (MEES), has been designated by the Managing Authority (MA) as an Intermediate Body (IB) responsible for administering European Regional Development Fund (ERDF) Grant Schemes through the implementation of Support Measures under the 2021-2027 programming period.

This Division would like to announce further cut-off dates for the following Calls until end 2024. The cut-off dates are set at noon of the following dates:

L-1 Sejħa 1 Start-up Enhance L-1 Sejħa SME Enhance (GBER) L-1 Sejħa SME Enhance (de minimis)	31 Lul	30 Aww	30 Sett	31 Ott	29 Nov	31 Diċ
Call 1 Start-up Enhance *Call 1 SME Enhance (GBER)* *Call 1 SME Enhance (de minimis)*	*31 Jul*	*30 Aug*	*30 Sep*	*31 Oct*	*29 Nov*	*31 Dec*
	12 Lul	16 Aww	13 Set	18 Ott	15 Nov	16 Diċ
L-1 Sejħa Business Reports for SMEs	31 Lul	30 Aww	30 Sett	31 Ott	29 Nov	31 Diċ
Call 1 Business Reports for SMEs	*12 Jul*	*16 Aug*	*13 Sep*	*18 Oct*	*15 Nov*	*16 Dec*
	31 Jul	*30 Aug*	*30 Sep*	*31 Oct*	*29 Nov*	*31 Dec*

Further information relating to these Grant Schemes, including the respective Guidance Notes and the User Guide to the Application may be obtained from (https://fondi.eu) or by contacting the Measures and Support Division on (msd.eufunds@gov.mt) or 2555 2635. Interested applicants may wish to seek assistance from Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) on (info.sem@gov.mt).

3rd May, 2024

Co-funded by the European Union

MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, UGWALJANZA, IR-RIFORMI U D-DJALOGU SOĊJALI

AVVIŻ - 1 ta' Mejju

Business Enhance Grant Schemes

Retrofit

Pjan ta' Rkupru u Resiljenza għal Malta

Id-Diviżjoni tal-Miżuri u s-Sapport fi ħdan il-Ministeru għall-Fondi Ewropej, Ugwaljanza, ir-Riformi u Djalogu Soċjali (MEES), hija l-istituzzjoni inkarigata mit-twettiq tal-Investiment C1-I1 'Għotjiet immirati għar-rinnovament ta' bini tas-settur privat għar-retrofitting u l-effiċjenza enerġetika fil-bini.' L-istruttura ta' ġestjoni hija stabbilita permezz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-Pjan ta' Rkupru u Reżiljenza għal Malta 11941/21 appoġġat minn Anness ADD 1, bir-Regolament (UE) 2021/241 u tal-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea stabbilit minn Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094.

Id-Diviżjoni tal-Miżuri u s-Sapport tixtieq tħabbar it-tnedija ta' skema tal-għajnuna ġdida mill-1 ta' Mejju 2024:

Retrofit

Id-Diviżjoni tal-Miżuri u s-Sapport tħabbar ukoll it-tnedija tal-1 Sejħa Retrofit fl-1 ta' Mejju, 2024. Din is-Sejħa ser tkun amministrata permess ta' sejħa open rolling b'dati ta' cut-off perjodiċi. Id-dati ta' cut-off sal-aħħar tal-2024, ser ikunu qed jiskadu f'nofsinhar tal-ġranet imsemmija:

L-1 Sejħa Retrofit	28 ta' Ġunju	31 ta' Lulju	30 ta' Awwissu	30 ta' Settembru	31 ta' Ottubru	29 ta' Novembru	31 ta' Diċembru
Call 1 Retrofit	*28 June*	*31 July*	*30 August*	*30 September*	*31 October*	*29 November*	*31 December*

Aktar tagħrif u dokumentazzjoni dwar l-iskema tal-għotja Retrofit, inklużi n-Noti Gwida rispettivi u l-Gwida għall-Utent għall-Applikazzjoni jistgħu jinkisbu minn fuq (https://fondi.eu) jew billi tikkuntattja lid-Diviżjoni tal-Miżuri u s-Sapport permess ta' (msd.eufunds@gov.mt) jew fuq 2555 2635. L-applikanti nteressati jistgħu jfittxu għajnuna wkoll minn Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) fuq (info.sem@gov.mt).

It-3 ta' Mejju, 2024

MINISTRY FOR EUROPEAN FUNDS, EQUALITY, REFORMS AND SOCIAL DIALOGUE

ANNOUNCEMENT - 1st May

Business Enhance Grant Schemes

Retrofit

Recovery and Resilience Plan for Malta

The Measures and Support Division, within the Ministry for European Funds, Equality, Reforms and Social Dialogue (MEES), is the institution in charge of the implementation of investment C1-I1 'Grants targeting renovation of private sector buildings for retrofitting and energy efficiency'. The management structure is established by Council Implementing Decision on the approval of the assessment of the Recovery and Resilience Plan for Malta 11941/21 and supporting Annex ADD 1, by Regulation (EU) 2021/241 and of the European Union Recovery Instrument set up by Council Regulation (EU) 2020/2094.

The Measures and Support Division would like to announce the launch of a new aid scheme on 1st May 2024:

Retrofit

The Measures and Support Division also announces the launch of Call 1 Retrofit on 1st May 2024. This Call shall be managed through an open-rolling call with periodical cut-off dates. The cut-off dates, which are set at noon of the following days, until end 2024 are as follows:

Further information relating to the Retrofit aid scheme, including the respective Guidance Notes and the User Guide to the Application may be obtained from (https://fondi.eu) or by contacting the Measures and Support Division on (msd.eufunds@gov.mt) or 2555 2635. Interested applicants may wish to seek assistance from Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) on (info.sem@gov.mt).

3rd May, 2024

Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
NextGenerationEU

Funded by the European Union
NextGenerationEU

KUNSILL LOKALI N-NAXXAR

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali n-Naxxar jgħarraf li nhar il-Ħadd, 5 ta' Mejju, 2024, mis-7.30 a.m. sas-2.00 p.m., Pjazza Vittorja, il-parti ta' quddiem il-knisja, se tkun magħluqa għat-traffiku. Pjazza Vittorja fuq in-naħa tal-lemin tal-knisja se tkun miftuħa għat-traffiku f'żewġ direzzjonijiet. Pjazza Vittorja kollha se tkun meqjusa bħala żona ta' rmonk.

Triq Santa Luċija (sa Triq l-Ifran), ser tunu meqjusa bħala żona ta' rmonk ukoll.

It-3 ta' Mejju, 2024

KUNSILL LOKALI L-ĦAMRUN

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Ħamrun jgħarraf li minn nhar is-Sibt, 4 ta' Mejju, 2024, mis-6.00 a.m., sa nhar il-Ħadd, 5 ta' Mejju, sas-6.00 a.m., fi Triq Dun Nerik Cordina Perez se jsir clearance tal-vetturi. Vetturi pparkjati se jiġu rmunkati

It-3 ta' Mejju, 2024

KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Santa Venera jgħarraf li se jkun hemm sospensjoni tat-traffiku u parkeġġ mit-toroq li ġejjin fid-dati u l-ħinijiet li ġejjin:

Nhar is-Sibt, 16 ta' Mejju, 2024, mis-2.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq il-Parroċċa kantuniera ma' Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq il-Qalb Imqaddsa kantuniera ma' Triq il-Kbira San Ġużepp u Triq il-Kanun kantuniera ma' Triq il-Kbira San Ġużepp (ħdejn Barun Snack Bar) (trasport pubbliku se jkun iddevjat minn hawnhekk).

Seba' (7) uffiċjali tal-LESA se jkunu stazzjonati f'dawn il-postijiet (imferrxin).

Nhar is-Sibt, l-1 ta' Ġunju, 2024, mill-4.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq San Ġorġ kantuniera ma' Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq Braille kantuniera ma' Triq Misraħ il-Barrieri (minn ħdejn is-salib), Triq l-Imsida kantuniera ma' Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq il-Parroċċa kantuniera ma' Triq il-Brunżar u Triq il-Kanun kantuniera ma' Triq il-Kbira San Ġużepp (ħdejn Barun Snack Bar) (trasport pubbliku se jkun iddevjat minn hawnhekk).

Seba' (7) uffiċjali tal-LESA se jkunu stazzjonati f'dawn il-postijiet (imferrxin).

NAXXAR LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Naxxar Local Council notifies that on Sunday, 5th May, 2024, from 7.30 a.m. till 2.00 p.m., Pjazza Vittorja, the part in front of the church, will be closed for traffic. Pjazza Vittorja on the right side of the church will be open for traffic in both directions. All of Pjazza Vittorja will be considered as a towing zone.

Triq Santa Luċija (till Triq l-Ifran), will also be considered as a towing zone.

3rd May, 2024

ĦAMRUN LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Ħamrun Local Council notifies that from Saturday, 4th May, 2024, at 6.00 a.m., till Sunday, 5th May, 2024, at 6.00 a.m., in Triq Dun Nerik Cordina Perez there will be car parking clearance. Parked vehicles will be towed away.

3rd May, 2024

SANTA VENERA LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Santa Venera Local Council notifies that there will be suspension of traffic and parking through the following streets on the following dates and times:

On Saturday, 16th May, 2024, from 2.00 p.m. till midnight, through Triq il-Parroċċa corner with Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq il-Qalb Imqaddsa corner with Triq il-Kbira San Ġużepp and Triq il-Kanun corner with Triq il-Kbira San Ġużepp (near Barun Snack Bar) (public transport to be diverted from there).

Seven (7) LESA officers will be stationed on these points (dispersed).

On Saturday, 1st June, 2024, from 4.00 p.m. till midnight, through Triq San Ġorġ corner with Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq Braille corner with Triq Misraħ il-Barrieri (from near the cross), Triq l-Imsida corner with Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq il-Parroċċa corner with Triq il-Brunżar and Triq il-Kanun corner with Triq il-Kbira San Ġużepp (near Barun Snack Bar) (public transport to be diverted from there).

Seven (7) LESA officers will be stationed on these points (dispersed).

Bus Stops: Cini, Colosso u Romano se jkunu affettwati.

It-3 ta' Mejju, 2024

KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Laqgħa Pubblika

Skont Artikolu 70 (1) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kunsill Santa Venera jgħarraf li se ssir il-Laqgħa Pubblika tal-Lokalità nhar is-Sibt, 18 ta' Mejju, 2024, fid-9.00 a.m., fis-Sala tal-Kunsill Lokali Santa Venera, l-Ewwel Sular, Kumpless Umberto Colosso, Triq il-Kbira San Ġuzepp, Santa Venera.

Ir-residenti li huma interessati li jattendu għandhom iċemplu lill-Kunsill Lokali fuq 2149 1030 biex jirriżervaw post.

It-3 ta' Mejju, 2024

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 16 ta' Mejju, 2024, għal:

Avviż Nru. 21. Għotja b'ċens perpetwu revedibbli ta'sit tale quale biex jintuża bħala ġnien u għall-aċċess ta' garaxx, adjaċenti mal-Fond Nru. 110, 'Sunflower', Triq iċ-Ċikas, kantuniera ma' Triq l-Attakk tal-Franċiżi, Ħaż-Żabbar, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2017_0416_A. Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax-il (15) sena wara reviżjoni skont ir-rata tal-inflazzjoni kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €7,800 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elfejn u sitt mitt ewro (€2,600) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 22. Għotja b'ċens temporanju għal skopijiet kummerċjali għall-perjodu ta' ħamsin (50) sena, għal fond tale quale fl-istat li jinsab fih inkluż id-difetti kollha li hemm f'Nru. 194, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2019_0537. Din il-proprjetà ma tistax tintuża għal skopijiet residenzjali. Dan iċ-ċens ma jistax jiġi mifdi bl-ebda mod u dan lanqas jekk ikun permess skont xi liġi jew avviż legali. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €50,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tnejn u għoxrin

Bus Stops: Cini, Colosso and Romano will be affected.

3rd May, 2024

SANTA VENERA LOCAL COUNCIL

Public Meeting

In accordance with Article 70 (1) of the Local Councils Act (Cap. 363), the Santa Venera Local Council notifies the Santa Venera residents for a Public Locality meeting which will be held on Saturday, 18th May, 2024, at 9.00 a.m., on the 1st Floor of the Santa Venera Local Council premises, Umberto Colosso Complex, Triq il-Kbira San Ġuzepp, Santa Venera.

Those interested to attend are kindly requested to call the Local Council on 2149 1030 to book a seat.

3rd May, 2024

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 16th May, 2024, for:

Advt No. 21. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of a site tale quale to be used as a side garden and access to garage, adjacent to premises at No. 110, 'Sunflower', Triq ic-Cikas cornering with Triq l-Attakk tal-Franċiżi, Ħaż-Żabbar, as shown edged in red on the plan P.D. 2017_0416_A. The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision according to the rate of inflation as explained in detail in the emphyteutical conditions. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €7,800 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of two thousand and six hundred euro (€2,600) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 22. Grant on a temporary emphyteusis for commercial purposes for a period of fifty (50) years of the premises tale quale in its present state including all the defects therein, at No. 194, Triq ir-Repubblika, Valletta, shown edged in red on plan P.D.2019_0537. This property cannot be used for residential purposes. This emphyteusis cannot be redeemed in any way and this also applies if it can be permitted by any law or legal notice. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €50,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of twenty-two thousand

elf u seba' mija u ħamsin ewro (€22,750) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 23 Kiri, tale quale minn sena għal sena, għal skop ta' agrikultura, ta' sit fi Triq Ta' Loretu, Il-Gudja, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2023_0449. Dan is-sit jista' jkun suġġett għal servitujiet eżistenti favur proprjetà adjaċenti. Min jirbaħ din l-offerta għandu a spejjeż tiegħu jġib dan is-sit fi stat li jinħadem għal skopijiet agrikoli. L-offerenti għandhom ikunu persuni li huma rreġistrati bħala bdiewa full-time jew part-time, skont ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li għandu jiġi sottomess mad-dokument tal-offerta jew studenti li temmew b'suċċess kors akkademiku fi studji agrikoli fil-ħames snin preċedenti mid-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali Nru. 573.06 li għandhom jissottomettu kopja taċ-ċertifikat rilevanti mal-offerta tagħhom. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' ħamsin ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€50.89) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 24. Bejgħ tale quale ta' sit fuq in-naħa ta' wara tal-Fond f'Nru. 10, 'Sea Ridge', Daħlet il-Fawna, Is-Swieqi, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 49_91_A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,676 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sittax-il elf u seba' mija u tlieta u sittin ewro (€16,763) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 25. Kiri għall-perjodu ta' ħmistax-il (15) sena għal skopijiet kummerċjali ta' ħanut tale quale f'Nru. 33, (qabel Nru. 8), Triq is-Sliem, Il-Marsa, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 231_81_6_8. L-arja ta' fuq dan il-ħanut mhijiex inkluża fl-offerta. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €14,250 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbat elef u sebgħa mija u ħamsin ewro (€4,750) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 26. Kiri, tale quale minn sena għal sena, għal skop ta' agrikultura, ta' sit fi Triq Taż-Żellieqa lil hemm minn Triq Ħaġar Qim, Il-Qrendi, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2023_642_A. Dan is-sit huwa suġġett għal servitujiet eżistenti favur proprjetà adjaċenti. Min jirbaħ din l-offerta

and seven hundred and fifty euro (€22,750) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 23. Lease tale quale, on a year to year basis, for agricultural purposes, of a site at Triq ta' Loretu, Gudja, shown edged in red on plan P.D.2023_0449. This site maybe subject to existing servitudes in favour of the adjacent properties. The winning bidder is to clear and re-instate the site for agricultural purposes at his own expense. The bidders must be either full-time or part-time farmers, who have to submit a certificate, issued by the Department of Agriculture with the tender document or students who have completed successfully an academic course relating to agriculture within the previous five years prior to the introduction of the Legal Notice No. 573.06 who have to submit a copy of the relevant certificate also with the tender documents. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of fifty euro and eighty-nine cents (€50.89) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 24. Sale tale quale of a site at the back of the Premises at No. 10, 'Sea Ridge', Daħlet il-Fawna, Swieqi, as shown edged in red on the plan P.D.49_91_A. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,676 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of sixteen thousand and seven hundred and sixty-three euro (€16,763) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 25. Lease for a period of fifteen (15) years for commercial purposes of a shop tale quale, at No. 33 (formerly No. 8) Triq is-Sliem, Marsa, as shown edged in red on the plan P.D.231_81_6_8. The airspace of this shop is not included with this tender. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €14,250 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of four thousand and seven hundred and fifty euro (€4,750) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 26. Lease tale quale, on a year to year basis, for agricultural purposes, of a site at Triq Taż-Żellieqa off Triq Hagar Qim, Qrendi, shown edged in red on plan P.D.2023_642_A. This site is subject to existing servitudes in favour of the adjacent properties. The winning bidder is

għandu a spejjeż tiegħu jirriħabilita dan is-sit fi stat li jinħadem għal skopijiet agrikoli. L-offerenti għandhom ikunu persuni li huma rreġistrati bħala bdiewa full-time jew part-time, skont ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li għandu jiġi sottomess mad-dokument tal-offerta jew studenti li temmew b'suċċess kors akkademiku fi studji agrikoli fil-ħames snin preċedenti mid-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali Nru. 573.06 li għandhom jissottomettu kopja taċ-ċertifikat rilevanti mal-offerta tagħhom. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,200 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erba' mitt ewro (€400) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

to rehabilitate the site for agricultural purposes at his own expense. The bidders must be either full-time or part-time farmers, who have to submit a certificate, issued by the Department of Agriculture with the tender document or students who have completed successfully an academic course relating to agriculture within the previous five years prior to the introduction of the Legal Notice No. 573.06 who have to submit a copy of the relevant certificate also with the tender documents. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,200 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of four hundred euro (€400) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Avviż Nru. 27 Bejgħ tale quale ta' fond f'Ħanut 'G', Blokk 2B, Gżira Complex, Il-Gżira, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 28_87_2. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €4,650 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sitta u erbgħin elf u ħames mitt ewro (€46,500) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Advt No. 27. Sale tale quale of the Premises at Shop 'G', Block 2B, Gżira Complex, Gżira, as shown edged in red on the plan P.D.28_87_2. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €4,650 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of forty-six thousand and five hundred euro (€46,500) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn l-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet bil-card bankarja tal-preferenza tiegħek.

These advertisements are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website by using your preferred banking card.

It-3 ta' Mejju, 2024

3rd May, 2024

CENTRAL BUSINESS DISTRICT

Espressjoni ta' Interess

Is-Central Business District qed jistieden kuntratturi interessati biex jesprimu l-interess tagħhom biex jagħmlu xogħlijiet relatati mal-manutenzjoni u tiswijiet ta' toroq u bankini fi ħdan is-Central Business District matul perjodu ta' 12-il xahar, inkluż traqqigħ ta' toroq bl-asfalt, xogħlijiet tal-ġebel u konkos kif ukoll tiswijiet fuq bankini.

Minħabba n-natura tagħhom, dawn ix-xogħlijiet għandhom isiru fl-inqas żmien possibbli.

CENTRAL BUSINESS DISTRICT

Expression of Interest

The Central Business District Foundation is inviting interested contractors to express their interest to perform works in relation to the maintenance and repair of roads and pavements within the Central Business District over a period of 12 months, including asphalt road patching, masonry and concreting works as well as pavement and kerb repairs.

Due to their nature, works would have to be carried out within the shortest possible time-period.

Kuntratturi interessati għandhom japplikaw sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 10 ta' Mejju, 2024.

Espressjonijiet ta' interess u talbiet għal aktar informazzjoni għandhom jiġu sottomessi permezz ta' ittra elettronika lil (info@cbdmalta.org).

It-3 ta' Mejju, 2024

CENTRAL PROCUREMENT U SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 24 ta' Mejju, 2024. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':

CFT 021-3502/24. 'Amphotericin 50mg injections'
CFT 020-3503/24. 'Adult endotracheal intubation stylets'
CFT 020-3504/24. ECG 'Neonatal disposable pre-wired chest electrodes (accelerated – one-time delivery)'
CFT 009-3505/24. 'Online UPS'
CFT 020-3506/24. 'Epidural catheter securement device'
CFT 021-3507/24. 'Potassium Chloride injections'

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQs tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

It-3 ta' Mejju, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi:

CFT 009-3497/24. Provvista ta' aċċessorji ta' 'shower room',

ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-30 ta' April, 2024, ġie mħassar.

It-3 ta' Mejju, 2024

Interested contractors are to apply by noon on Friday, 10th May, 2024.

Expressions of interest or requests for more information are to be submitted by email to (info@cbdmalta.org).

3rd May, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministry for Health and Active Ageing, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Friday, 24th May, 2024. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the supply of:

CFT 021-3502/24. Amphotericin 50mg injections
CFT 020-3503/24. Adult endotracheal intubation stylets
CFT 020-3504/24. ECG Neonatal disposable pre-wired chest electrodes (accelerated – one-time delivery)
CFT 009-3505/24. Online UPS
CFT 020-3506/24. Epidural catheter securement device
CFT 021-3507/24. Potassium Chloride injections

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

3rd May, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministry for Health and Active Ageing, notifies that:

CFT 009-3497/24. Supply of shower room accessories,

published in the Government Gazette of 30th April, 2024, has been cancelled.

3rd May, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tnejn, 6 ta' Mejju, 2024.

ERU2904U24A – Devices
ERU2904U24B – Devices
ERU2904U24C – Devices
ERU2904U24D – Devices
ERU2904U24 – Devices
ERU2904U24 – Medicinal
ERU3004U24A – Medicinal
ERU3004U24B – Medicinal
ERU3004U24C – Devices
ERU3004U24D – Devices
ERU3004U24E – Medicinal
ERU3004U24F – Devices
ERU3004U24 – Devices
ERU3004U24 – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

It-3 ta' Mejju, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Monday, 6th May, 2024.

ERU2904U24A – Devices
ERU2904U24B – Devices
ERU2904U24C – Devices
ERU2904U24D – Devices
ERU2904U24 – Devices
ERU2904U24 – Medicinal
ERU3004U24A – Medicinal
ERU3004U24B – Medicinal
ERU3004U24C – Devices
ERU3004U24D – Devices
ERU3004U24E – Medicinal
ERU3004U24F – Devices
ERU3004U24 – Devices
ERU3004U24 – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

3rd May, 2024

KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA

Il-Kunsill Lokali Tas-Sliema jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Tas-Sliema permezz tal-ePPS, sad-9.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Ġunju, 2024, għal:

Avviż Nru. SLC59/T/001/2024. Landscaping, pedestrianisation u xogħlijiet infrastrutturali relatati inkluż EV charging stations bl-użu ta' materjali li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent f'parti minn Triq Ġużè Howard, Tas-Sliema.

Id-dokumenti tal-offerti huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-kwotazzjoni jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull kwotazzjoni, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-3 ta' Mejju, 2024

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL

The Tas-Sliema Local Council notifies that:

Tenders will be received on behalf of the Tas-Sliema Local Council, through ePPS, up to 9.00 a.m. on Friday, 14th June, 2024, for:

Advt No. SLC59/T/001/2024. Landscaping, pedestrianisation and related infrastructural works inclusive of EV charging stations using environmentally friendly materials in part of Triq Ġużè Howard, Tas-Sliema.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the quotation document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any quotation, even the most advantageous.

3rd May, 2024

KUNSILL LOKALI ĦAL SAFI

Il-Kunsill Lokali Ħal Safi jgħarraf li:

Sa nofsinhar ta' nhar tal-Ħamis, 16 ta' Mejju, 2024, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali jintlaqgħu applikazzjonijiet għal:

Iż-żamma u t-tindif tal-latrina pubblika (Ħal Safi), skont id-dokument SFI 51 – 03/2024.

Id-dokumenti għal din l-applikazzjoni jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju.

It-3 ta' Mejju, 2024

ĦAL SAFI LOCAL COUNCIL

The Ħal Safi Local Council notifies that:

Up till noon of Thursday, 16th May, 2024, call for applications will be received at the Local Council's Administrative Offices for:

Provision of upkeep and cleaning services of public convenience (Ħal Safi), in accordance to Document SFI 51 – 03/2024.

Documents can be collected from the Administrative Local Council's Office during working hours.

3rd May, 2024

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1020

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri, fit-22 ta' Frar, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 187/93 fl-ismijiet Marcus Marshall nomine et vs ir-Reġistratur tal-Artijiet et, giet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Innocenzo Farrugia a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 187/93 ippreżentat fit-3 ta' Novembru, 2023, fl-ismijiet premessi, il-konvenuti (hawn appellanti) ir-Rev. Dun Nikol Aquilina (KI 0881739M) in rappreżentanza tal-eredità ġjacenti ta' Teresa Bonello, Teresa Grixti u Nikolina Cutajar; Maria Borg (KI 0513750M), Nicholas Pace (KI 0395452M] u Carmel Pace (KI 0542554m) fil-vesti tagħhom ta' eredi tad-defunta Carmela Pace; Carmela Tanti (KI 0969044M); Maria Lourdes Gauci (KI 0566241M); Phyllis Camilleri (KI 083054M) u Albert Attard (KI 025857M) fil-vesti tagħhom ta' eredi tad-defunta Caterina Attard; Salvatore Tanti (KI 0766534M); Lucia Falzon (KI 0212236m); Mary Ciappara (KI 0555959M) u Doris Vella (KI 0704054M) fil-vesti tagħhom ta' eredi tad-defunta Maria Assunta Farrugia ħassewhom aggravati bis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Ottubru, 2022, għar-raġunijiet hemm premessi, abbażi ta' tliet aggravji, ċjoè: 1) L-atturi ma ssoddisfawx ir-rekwiżiti tal-actio rei vindicatoria; 2) għar-rigward id-dubji fuq iċ-ċertifikat ta' Titolu Assolut li kienu jippossedu l-esponenti; 3) għar-rigward tal-preskrizzjoni akkwiżittiva.

Għaldaqstant, l-appellanti qegħdin jitlobu umilment lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell takkolji dan l-appell

By means of a decree delivered, by the Court of Appeal, Superior jurisdiction, on the 22nd February, 2024, in the records of the Application number 187/93 in the names Marcus Marshall nomine vs the Land Registrar et, the following publication was ordered for the purpose of service of Innocenzo Farrugia in terms of section 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

By means of the Appeal Application number 187/93 filed on the 3rd November, 2023, in the names premised, (hawn appellanti) Rev. Dun Nikol Aquilina (ID 0881739M) representing the vacant inheritance of Teresa Bonello, Teresa Grixti and Nikolina Cutajar; Maria Borg (ID 0513750M), Nicholas Pace (ID 0395452M) and Carmel Pace (ID 0542554M) in their capacity as heirs of the deceased Carmela Pace; Carmela Tanti (ID 0969044m); Maria Lourdes Gauci (ID 0566241M); Phyllis Camilleri (ID 083054M) and Albert Attard (ID 025857M) n their capacity as heirs of Caterina Attard; Salvatore Tanti (ID 0766534m); Lucia Falzon (ID 0212236M); Mary Ciappara (ID 0555959m) and Doris Vella (ID 0704054M) in their capacity as heirs of the deceased Maria Assunta Farrugia felt aggrieved by the judgment delivered by the First Hall Civil Court on the 4th October 2022, for the reasons therein premised, on the basis of three grounds of appeal, namely: 1) the plaintiffs did not satisfy the requisites of the actio rei vindicatoria; 2) regarding the doubts on the certificate of absolute title held by the applicants; (3) regarding the period of acquisitive prescription.

Therefore, the appellant is humbly asking this Honourable Court of Appeal to uphold this appeal and thus cancel, annul

u tgħaddi sabiex tħassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata tal-4 ta' Ottubru, 2022, fl-ismijiet fuq premessi, u konsegwentement tiċħad it-talbiet tal-atturi appellati u tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħhom, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess atturi-appellati.

Notifika: Innocenzo Farrugia, 22, Parish Street, L-Imqabba

Registru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 8 ta' April, 2024

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Civili u Tribunali

and revoke the appealed judgment dated 4th October 2022 in the names above premised, and proceed further by, whilst rejecting the claims of the plaintiff-respondents, uphold the pleas of the same exponent-appellants, with costs of both instances against the same plaintiff-respondents.

Notify: Innocenzo Farrugia, 22, Parish Street, Mqabba

Registry of the Courts of Appeal (Superior Jurisdiction), this day 8th April, 2024

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1021

B'digriet moghti, mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri, fit-22 ta' Frar, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 187/93 fl-ismijiet Marcus Marshall nomine et vs ir-Reġistratur tal-Artijiet et, giet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Innocenzo Farrugia a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 187/93 ippreżentat fit-3 ta' Novembru, 2023, fl-ismijiet premessi, il-Kuraturi Deputati l-Avukat Dott. Vincent Galea (KI 50570M) u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja (KI 44963G) nominati b'digriet datat 8 ta' Ottubru, 2003, sabiex jirrappreżentaw lill-mejta Nikolina Aquilina li mietet fil-mori tal-kawża ħassu aggravat bis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Ottubru, 2022, għar-raġunijiet hemm premessi, abbażi ta' tliet aggravji, ċjoè: 1) L-atturi ma ssoddisfawx ir-rekwiziti tal-actio rei vindicatoria; 2) għar-rigward id-dubji fuq iċ-ċertifikat ta' Titolu Assolut li kienu jippossedu l-esponenti; 3) għar-rigward tal-preskrizzjoni akkwiżittiva.

Għaldaqstant, l-appellant qiegħed jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell takkolji dan l-appell u tgħaddi sabiex tħassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata tal-4 ta' Ottubru, 2022, fl-ismijiet fuq premessi, u konsegwentement tiċħad it-talbiet tal-atturi appellati u tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħhom, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess atturi-appellati.

Notifika: Innocenzo Farrugia, 22 Parish Street, L-Imqabba

Registru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 8 ta' April, 2024

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M.JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Civili u Tribunali

By means of a decree delivered, by the Court of Appeal, Superior jurisdiction, on the 22nd February, 2024, in the records of the Application Number 187/93 in the names Marcus Marshall nomine vs the Land Registrar et, the following publication was ordered for the purpose of service of Innocenzo Farrugia in terms of section 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

By means of the Appeal Application number 187/93 filed on the 2nd November, 2023, in the names premised, the curator Dr Vincent Galea (ID 50570M) u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja (ID 44963G) nominated by decree dated 8th October 2003 sto represent the deceased Nikolina Aquilina who died during the proceedings felt aggrieved by the judgment delivered by the First Hall Civil Court on the 4th October 2022, for the reasons therein premised, on the basis of three grounds of appeal, namely: 1) the plaintiffs did not satisfy the requisites of the actio rei vindicatoria; 2) regarding the doubts on the certificate of absolute title held by the applicants; (3) regarding the period of acquisitive prescription.

Therefore, the appellant is humbly asking this Honourable Court of Appeal to uphold this appeal and thus cancel, annul and revoke the appealed judgment dated 4th October, 2022, in the names above premised, and proceed further by, whilst rejecting the claims of the plaintiff-respondents, uphold the pleas of the same exponent-appellants, with costs of both instances against the same plaintiff-respondents.

Notify: Innocenzo Farrugia, 22 Parish Street, Mqabba

Registry of the Courts of Appeal (Superior jurisdiction), this day 8th April, 2024

DR FRANCO BONDIN, LLD, M.JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1022

ARB/C027/2024 – ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-28 ta' April, 2024, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Rachel Montebello, LLD). Kumpilazzjoni Numru 364/2024, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Jonathan Pace)

Kontra

PIERRE CREMONA, diżokkupat, ta' 50 sena, iben il-mejjet Anthony Cremona u Carmen Cremona xebba Zammit, imwieled Tal-Pietà, Malta, fit-12 ta' Ġunju, 1973, residenti f''Coral Court', Penthouse 7, Triq id-Demnuq, Is-Siġġiewi u/jew Morelle Court, Triq San Pawl tal-Qliegħa, Il-Mosta, u/jew Block H, Flat 3, Triq ix-Xemxija, Il-Marsa, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 286273M.

OWEN CREMONA, impjegat, ta' 24 sena, iben Pierre Cremona u Iris Cremona xebba Ciantar, imwieled Tal-Pietà, Malta, fid-29 ta' Awwissu, 1999, residenti fi 392, 'Ġesù Redentur', Triq San Tumas, Ħal Tarxien u/jew, 'Morelle Court', Triq San Pawl tal-Qliegħa, Il-Mosta, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 298899M.

U

STEFANO MONTEBELLO, diżokkupat, ta' 39 sena, iben Joseph Montebello u Pauline Montebello xebba Schembri, imwieled Tal-Pietà, Malta, fis-6 ta' Jannar, 1985, residenti f''Morelle Court', Triq San Pawl tal-Qliegħa, Il-Mosta, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 52585M.

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil, jew jkunu imissu lil, jew li jkunu proprjetà ta' PIERRE CREMONA, OWEN CREMONA, u STEFANO MONTEBELLO u pprojbiethom milli jittrasferixxu, jagħtu b'rahan, jipotekaw jew xort'oħra jiddisponu minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A u fl-Artikolu 23A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

ARB/C027/2024 – FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 28th April, 2024 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello, LLD). Compilation Number 364/2024, in the case:

The Police
(Inspector Jonathan Pace)

Versus

PIERRE CREMONA, unemployed, 50 years, son of the late Anthony Cremona and Carmen Cremona née Zammit, born in Tal-Pietà, Malta, on the 12th June, 1973, residing at 'Coral Court', Penthouse 7, Triq id-Demnuq, Siġġiewi, and/or Morelle Court, Triq San Pawl tal-Qliegħa, Mosta, and/or Block H, Flat 3, Triq ix-Xemxija, Marsa, and holder of Maltese identity card bearing number 286273M.

OWEN CREMONA, employee, 24 years, son of Pierre Cremona and Iris Cremona née Ciantar, born in Tal-Pietà, Malta, on the 29th August, 1999, residing at 392, 'Ġesù Redentur', Triq San Tumas, Ħal Tarxien, and/or 'Morelle Court', Triq San Pawl tal-Qliegħa, Mosta and holder of Maltese identity card bearing number 298899M.

AND

STEFANO MONTEBELLO, unemployed, 39 years, son of Joseph Montebello and Pauline Montebello née Schembri, born in Tal-Pietà, Malta, on the 6th January, 1985, residing at 'Morelle Court', Triq San Pawl tal-Qliegħa, Mosta, and holder of Maltese identity card bearing number 52585M.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to PIERRE CREMONA, OWEN CREMONA, and STEFANO MONTEBELLO and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta and Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the court order as mentioned in Article 22A and Article 23A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand and six hundred and forty-six Euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 29 ta' April, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 29th April, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

1023

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti Minorenni fit-13 ta' Frar, 2024, fl-atti tar-rikors numru 73/2023AC, fl-atti tal-kawża Pjan ta' Permanenza Alternattiv N.E.A. ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Meserat Balay Dante a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' nota tal-Bord tar-Reviżjoni għall-Ħarsien tat-Tfal fl-atti tal-kawża numru 73/2023AC ippreżentata fil-Qorti Minorenni, fit-12 ta' Ġunju, 2023, ir-rikorrenti Bord tar-Reviżjoni għall-Ħarsien tat-Tfal ippreżenta r-rakkomandazzjonijiet tiegħu wara d-deċiżjoni li ttieħdet minnu fil-15 ta' April, 2021, u fis-17 ta' Novembru, 2022, immarkata Dok. A1 u Dok. A2 skont l-artikolu 33(7) u l-artikolu 33(10) għall-pjan ta' permanenza alternattiv li qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok. B u dan sabiex jingħata digriet minn din l-Onorabbli Qorti fejn jiġi ordnat illi dan il-pjan ta' permanenza alternattiv huwa fl-aħjar interess tal-minuri (Art 23(4)).

Permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Ġunju, 2023, il-Qorti ordnat wara li rat id-dokument esibiti u l-Artikolu 23(1)(4)(5) u 33(7) tal-Kap. 602 li m'hemmx il-ħtiega li tisma' lill-minuri ai termini tal-artikolu 17(1) tal-Kap. 602 u lanqas ma hemm bżonn li tisma' fehmiet oħra kif ukoll li l-Qorti hija tal-fehma illi l-pjan ta' permanenza alternattiva kif propost hija fl-aħjar interess tal-minuri … omissis … u tordna li dan jidħol fis-seħħ.

Il-Qorti ordnat li l-kura u l-kustodja tal-minuri kkonċernat tkun vestita fid-Direttur Kura Alternattiva (Tfal u Żagħżagħ) is-Sinjura Remenda Grech (KI 28184M) ordnat wkoll li l-awtorizzazzjoni medika u edukattiva tkun vestita f'idejn Fr Eric Cachia (KI 389376).

Il-Qorti ordnat li l-minuri jkompli jirrisjedi ġewwa d-dar residenzjali ta' St Patrick's, St John Bosco, Tas-Sliema SLM 1925.

Esponenti: Bord tar-Reviżjoni għall-Ħarsien tal-Minuri, 469, Bugeja Institute, Triq il-Kbira, Santa Venera

Notifika: Meserat Balay Dante, 10A, Triq Antonio Agius, Il-Furjana

By means of a decree of the 13th February, 2024, handed down by the Juvenile Court in the records of the application number 76/2023AC in the acts of the application Alternative Permanency Plan N.E.A., the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Meserat Balay Dante in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a note in the names The Minors Care Review Board filed in the Juvenile Court, on the 12th June, 2023, in the acts of the Application Number 73/2023AC, the applicant the Minors Care Review Board filed its recommendations on the decision it has taken on the 15th April, 2021, and on the 17th November, 2022, by means of document marked as Doc. A1 u Doc. A2 and this according to Article 33(7) and Article 33(10) for the alternative permanency plan that is being here attached and marked as Doc. B, so that a decree by this Honourable Court will be given to order that the alternative permanency plan is in the best interest of the minor (Art 23(4)).

By means of a decree dated 13th June, 2023, the Court ordered after it saw the exhibited documents and Article 23(1)(4)(5) and 33(7) of Cap. 602 that there is no néed to hear the minor in terms of article 17(1) of Cap. 602 and there is also no néed to hear other views and that the Court is of the opinion that the alternative permanency plan as proposed is in the best interest of the minor … omissis … and order that it comes into force.

The Court ordered that the care and custody of the concerned minor be vested in the Director of Alternative Care (Children and Minors) Ms Remenda Grech (ID 28184M) and ordered also the medical and educational authorisation be vested in the hands of Fr Eric Cachia (ID 389376).

The Court ordered that the minor continues to reside at the residential home of St Patrick's, St John Bosco, Tas-Sliema SLM 1925.

Applicant: The Minors Care Review Board, 469, Bugeja Institute, Triq il-Kbira, Santa Venera

Notification: Meserat Balay Dante, 10A, Triq Antonio Agius, Floriana

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 26 ta' April, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 26th April, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1024

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fil-25 ta' Marzu, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 1/2023 fl-ismijiet David Borg Manchè (KI 253183M) vs Mary Barbara (KI 0209638M), ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Mary Barbara a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 1/2023 ippreżentat fid-19 ta' Frar, 2024, ir-rikorrent David Borg Manchè ħassu aggravat bis-sentenza mogħtija mill-Bord li Jirregola l-Kera nhar it-30 ta' Jannar, 2024, u interpona dan l-appella abbażi ta' tliet aggravji, i.e. 1) hemm in-nullità u l-irritwalità ta' din is-sentenza peress li l-Bord aġixxa ultra u extra petita; 2) mingħajr preġudizzju, il-Bord kien żbaljat u kontradittorju meta ċaħad l-ewwel talba tal-Appellant; 3) l-istess Bord għamel apprezzament żbaljat tal-fatti u tal-liġi meta ċaħad it-tieni talba tal-Appellant; 4) mingħajr preġudizzju fid-dawl tal-konklużjonijiet li wasal għalihom il-Bord, l-Appellant ma kellux ibagħti l-ispejjeż kollha tal-proċeduri.

Għaldaqstant, l-appellant jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell jogħġobha:

1. Tiddikjara n-nullità tas-sentenza tal-Bord tal-Kera fl-ismijiet premessi a tenur tal-Art. 790 tal-Kap. 12 għar-raġunijiet fuq premessi, filwaqt li tgħaddi biex tilqa' it-talbiet tal-Appellant imressqa fir-rikors promotur;

2. fin-nuqqas li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell tqis li ma għandhiex tiddikjara nulla s-sentenza fl-intier tagħha, tiddikjara nulla dik il-parti tas-sentenza fejn it-Bord issollečita lill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex tieħu azzjoni diretta fuq is-sit mertu tal-proċeduri, filwaqt li tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tal-Appellant imressqa fir-rikors promotur;

3. f'każ li l-Ewwel Aggravju ma jintlaqax, tilqa' t-Tieni, it-Tielet u r -Raba' Aggravji tal-Appellant u għalhekk tvarja, tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza tal-Bord fejn ċaħad it-talbiet tar-rikorrent Appellant, u minflok tilqa' t-talbiet imressqa mill-Appellant fl-intier tagħhom għar-raġunijiet sottomessi, bl-ispejjeż ta' kull istanza kontra l-intimata Appellata.

Ir-Rikors numru 1/2023 fl-ismijiet David Borg Manchè (KI 253183M) vs Mary Barbara (KI 0209638M), jinsab iddifferit għat-8 ta' Mejju, 2024, fl-10.30 a.m.

By means of a decree delivered, by the Court of Appeal, Inferior Jurisdiction, on the 25th March, 2024, in the records of the Application number 1/2023 in the names David Borg Manchè (ID 253183M) vs Mary Barbara (ID 0209638M), the following publication was ordered for the purpose of service of Mary Barbara in terms of section 187(3) et sequitur of Cap. 12.

Whereas in Appeal Application number 1/2023 filed on the 19th February, 2024, the applicant David Borg Manchè felt aggrieved by the judgment delivered by the Rent Regulation Board on the 30th January, 2024, and filed this appeal on the basis of three grounds, i.e. 1) the nullity and irregularity of this judgment since the Board acted ultra and extra petita; 2) without prejudice, the Board was wrong and contradictory when it rejected the first claim by the appellant; 3) the same Board made a wrong assessment of the facts and law in dismissing the appellant's second claim; 4) without prejudice to the conclusions reached by the Board, the appellant should not bear all the costs of the proceedings.

Therefore, the appellant respectfully requests that this Honourable Court of Appeal:

1. Declares the nullity of the Rent Regulation Board judgment in the names premised in terms of section 790 of Cap. 12 for the reasons above premised, whilst proceeding to uphold the appellant's claims brought forward in the original application;

2. In the case that this Honourable Court of Appeal considers that it should not declare null the judgment in its entirety, it shall declare null that part of the judgment wherein the Board solicits the Planning Authority to take direct action on the site, merits of these procedures whilst proceeding to uphold the appellant's claims brought forward in the original application;

3. In case the first grievance is not upheld, it upholds the Appellant's second, third and fourth pleas and thus vary, revoke, cancel and annul the judgment of the Board whereby it rejected the demands of the applicant appellant, and instead uphold the demands brought forward by the appellant in their entirety for reasons submitted with costs of every instance against the respondent.

Application number 1/2023 in the names David Borg Manche (ID 253183M) vs Mary Barbara (ID 0209638M), has been deferred to the 8th May, 2024, at 10.30 a.m.

Notifika: Mary Barbara, 78, Triq Nazzarenu, Paola

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 29 ta' April, 2024

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notification: Mary Barbara, 78, Triq Nazzarenu, Paola

Registry of the Courts of Appeal (Inferior Jurisdiction), this day 29th April, 2024

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1025

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fl-20 ta' Frar, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 1/2024 fl-ismijiet Dmitry Reiderman (KI 01144178A) vs Christian Borg (KI 131549M) eżerċenti l-kummerċ bħala Gold Car Rental Malta, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Dmitry Reiderman a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By means of a decree given, by the Court of Appeal, Inferior Jurisdiction, on the 20th February, 2024, in the records of the Application number 1/2024 in the names Dmitry Reiderman (ID 01144178A) vs Christian Borg (ID 131549M) carrying on trade as Gold Car Rental Malta, the following publication was ordered for the purpose of service of Dmitry Reiderman in terms of section 187(3) et sequitur of Cap 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 1/2024 ippreżentat fit-23 ta' Jannar, 2024, l-appellant Christian Borg ħassu aggravat mid-deċiżjoni tat-3 ta' Jannar, 2024, mogħtija mit-Tribunal għat-Talbiet tal-Konsumatur inkwantu:

1. it-Tribunal mar kontra l-prinċipji tal-ġustizzja naturali meta fid-deċiżjoni qies li l-vettura provduta kienet 'damaged' meta dan ma kienx minnu u lanqas ma rriżulta mill-provi u inoltre skarta l-fatt li r-rikorrent appellat esprima sodisfazzjon għall-vettura pprovduta mill-konvenut noe u li l-ilmenti li qajjem ir-rikorrenti ntqalgħu wara li l-istess rikorrent għamel użu mill-vettura; u

Whereas in Appeal Application number 1/2024 filed on the 23rd January 2024, the appellant Christian Borg felt aggrieved by the decision dated 3rd January, 2024, delivered by the Consumer Claims Tribunal in so far as:

1. the Tribunal violated the principles of natural justice in deciding that the vehicle provided was "damaged" when this was not true nor did it result from the evidence and furthermore it disregarded the fact that the respondent applicant had expressed his satisfaction regarding the vehicle provided by the defendant noe and that the complaints raised by the applicant were expressed after the same applicant had made use of the vehicle; and

2. It-Tribunal mar kontra l-prinċipji tal-ġustizzja naturali meta laqa' t-talbiet tar-rikorrent kif dedotti b'mod li effetivament it-Tribunal iddikjara li s-somma ta' €10,720.00 li hija dovuta mir-rikorrent lil konvenut noe fi proċeduri separati quddiem il-Oorti tal-Maġistrati (Malta) ma humiex dovuti lill-istess konvenut noe.

2. The Tribunal violated the principles of natural justice in upholding the applicant's claims as sumbitted in such a way that effectively the Tribunal declared that the sum of €10,720.00 which is due from the claimant to defendant noe in separate proceedings before the Court of Magistrates (Malta) are not owed to the same defendant noe.

Għaldaqstant, l-esponenti noe filwaqt li jagħmel referenza għall-provi ġja miġjuba, u jirriżerva li jipproduċi provi ulterjuri skont il-liġi, jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell jogħġobha tirrevoka s-sentenza mogħtija mit-Tribunal għat-Talbiet tal-Konsumatur tat-3 ta' Jannar, 2024, bil-konsegwenza li għar-raġunijiet premessi fir-rikors jew waħda minnhom, hija tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrent appellat, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrent appellat.

Therefore, the applicant requests this Honourable Court of Appeal to revoke the judgment delivered by the Consumer Claims Tribunal dated 3rd January 2024, with the consequence that for the reasons adduced in the application or one of them, it decides by dismissing the respondent's claims, with costs of both instances against the respondent.

Ir-Rikors numru 1/2024 fl-ismijiet Dmitry Reiderman (KI 01144178A) vs Christian Borg jinsab iddifferit għall-15 ta' Mejju, 2024, fl-9.50 a.m.

Application number 1/2024 in the names Dmitry Reiderman (ID 01144178A) vs Christian Borg is deferred to the 15th May, 2024, at 9.50 a.m.

Notifika: Dmitry Reiderman, Fairview Court, Flat 6, Triq Sir Joseph Carbone, San Ġiljan

Notification: Dmitry Reiderman, Fairview Court, Flat 6, Triq Sir Joseph Carbone, St Julian's

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 29 ta' April, 2024

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Courts of Appeal (Superior Jurisdiction), this day 29th April, 2024

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1026

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-24 ta' April, 2024, u dan wara Rikors b'numru 390/2024, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid numru 1695/2001 u fuq l-Att taż-Żwieġ numru 2871/1977 biex il-kunjom ta' Joseph Saliba jiġi mibdul minn 'Saliba' għal 'Cross'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ġimgħa, 26 ta' April, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 24th April, 2024, and upon an application numbered 390/2024, ordered:

To the Director of the Public Registry to make the appropriate annotations or corrections in the Act of Birth number 1695/2001 and on the Act of Marriage number 2871/1977 so that the surname of Joseph Saliba is to be changed from 'Saliba' to 'Cross'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today, Friday, 26th April, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1027

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-24 ta' April, 2024, u dan wara Rikors b'numru 389/2024, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid esteru tar-rikorrenti, Alona Alcantara McKay, meta dan jiġi biex ikun reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, sabiex it-tieni isem tar-rikorrenti jiġi mibdul minn 'Enriquez' għal 'Alcantara', kif ukoll biex jagħmel l-istess annotazzjoni jew korrezzjoni fl-Att taż-Żwieġ numru 497/2018.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ġimgħa, 26 ta' April, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 24th April, 2024, and upon an application numbered 389/2024, ordered:

To the Director of the Public Registry to make the appropriate annotations or corrections in the foreign Act of Birth of the applicant, Alona Alcantara McKay, when it comes to be registered in the Public Registry of Malta so that her second name is changed from 'Enriquez' to 'Alcantara', as well as to make the same annotation or correction in the Act of Marriage number 497/2018.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Friday, 26th April, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1028

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-24 ta' April, 2024, u dan wara Rikors b'numru 393/2024, ordnat:

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 24th April, 2024, and upon an application numbered 393/2024, ordered:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid numru 6875/2023 biex l-isem tal-minuri, Kendiny Pace, jiġi mibdul minn 'Kendiny' għal 'Kayden'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ġimgħa, 26 ta' April, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

To the Director of the Public Registry to make the appropriate annotations or corrections in the Act of Birth number 6875/2023 so that the name of the minor, Kendiny Pace, is changed from 'Kendiny' to 'Kayden'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Friday, 26th April, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1029

Permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' April, 2024, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 24/24JPG fl-ismijiet Yanies Zammit v Jonathan Coleiro, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Jonathan Coleiro a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Yanies Zammit (KI 185582M) vs Jonathan Coleiro (KI 25087M) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 24/2024JPG, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fit-18 ta' Jannar, 2024, ir-rikorrenti Yanies Zammit (KI 185582M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna li z-żwieġ kuntratat bejn il-partijiet fl-14 ta' Frar, 2014, jiġi maħlul;

2. Tordna r-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javza d-direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-kawża fl-ismijiet Yanies Zammit vs Jonathan Coleiro (Rikors numru 24/2024JPG) hija differita għad-9 ta' Mejju, 2024, fid-9.45 a.m.

Rikorrenti: Blk E, Triq Ġużè Ellul Mercer, L-Imsida

Notifika Intimat: Jonathan Coleiro, Ray's Flats, Block 2, 17, Triq Wesgħet l-10 ta' Diċembru 1987, Il-Kalkara

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 30 ta' April 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 16th April, 2024, of the Civil Court (Family Section), in the records of the sworn application in the names Yanies Zammit vs Jonathan Coleiro, Application Number 24/2024JPG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Jonathan Coleiro in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an Application in the records of the Sworn Application number 24/2024JPG in the names Yanies Zammit (ID 185582M) vs Jonathan Coleiro (ID 25087M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 18th January, 2024, the applicant Yanies Zammit (ID 185582M) requested this Honourable Court to:

1. Order that the marriage between the parties of the 14th February, 2014, be dissolved;

2. Order the Registrar Civil Courts so that within the time allowed for this purpose by the same Court, he notifies the Director Public Registry of the dissolution of the parties' marriage so that it be registered in the Public Registry.

The application in the names Yanies Zammit vs Jonathan Coleiro, Application number 24/2024JPG has been postponed for hearing to the 9th May, 2024, at 9.45 a.m.

Applicant: Blk E, Triq Ġużè Ellul Mercer, Msida

Notification: respondent Jonathan Coleiro – Ray's Flats, Block 2, 17, Triq Wesgħet l-10 ta' Diċembru 1987, Kalkara.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 30th April, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1030

Permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Frar, 2024, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Anne Grech vs

By means of a decree of the 2nd February, 2024, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the

Carmelo Mizzi et, Rikors numru 206/2023CG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Carmelo Mizzi u Rafela Mizzi a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Anne armla minn Victor Grech (KI 439242M) vs Carmelo Mizzi (KI 161445M) , Rafela Mizzi (KI 493251M) u l-Awtorità tad-Djar ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fit-18 ta' April, 2023, ir-rikorrenti Anne armla minn Victor Grech (KI 439242M) talbet lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi ta' Carmelo Mizzi (KI 161445M) u Rafela Mizzi (KI 493251M) ai termini tal-Att XXIV tal-2021, li għandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi maħruġ taħt l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwuhom, u liema test tal-mezzi għandu jkun ibbażat fuq id-dħul tal-kerrej bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru, 2020, u fuq il-kapital tal-kerrej fil-31 ta' Diċembru, 2020, u liema test tal-mezzi għandu jitmexxa b'referenza partikolari, inter alia, għar-regolamenti 4 sa 8 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) li għandhom japplikaw mutatis mutandi f'dan il-każ;

2. Jiddikjara u jiddeċiedi li ai termini tal-Att XXIV tal-2021 l-kera tal-fond 17, Triq il-Katidral, Tas-Sliema, għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonjiet ġodda fir-rigward tal-kera jekk ikun il-każ;

3. Jordna u jikkundanna lill-intimati Carmelo Mizzi (KI 161445M) u Rafela Mizzi (KI 493251M) jibdew iħallsu din it-tali kera awmentata ai termini tal-Att XXIV tal-2021 b'effett mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern;

4. Jordna, f'każ li l-intimati Carmelo Mizzi (KI 161445M) u Rafela Mizzi (KI 493251M) ma jissodisfawx il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-iżgumbrament tagħhom mill-fond inkwistjoni fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn dan il-Bord u mhux aktar tard minn sentejn mill-1 ta' Ġunju, 2021.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni u b'riserva u mingħajr preġudizzju għal kwalsijasi azzjoni oħra li tista' talvolta tiġi preżentata.

Rikorrenti: 162, Triq il-Kbira, San Ġiljan

names Anne Grech vs Carmelo Mizzi et, Application number 206/2023CG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondents Carmelo Mizzi and Rafela Mizzi in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Anne widow of Victor Grech (ID 439242M) vs Carmelo Mizzi (ID 161445M), Rafela Mizzi (ID 493251M) and Housing Authority filed in the Rent Regulation Board, on the 18th April, 2023, the applicant Anne widow of Victor Grech (ID 439242M) requested this Honourable Board why it should not:

1. Orders that the means test of the respondents Carmelo Mizzi (ID 161445M) and Rafela Mizzi (ID 493251M) in terms of Act XXIV of 2021 be carried out, based on the means test set out in the Rules of the Continuation Tenancies (Means Testing Criteria), issued under Article 1622A of the Civil Code and any regulations which may from time to time replace them and which shall be based on the income of the lessee between 1st January and 31st December, 2020, and on the capital of the lessee on the 31st December, 2020, and carried out with particular reference, inter alia, to regulations 4 to 8 of the Rules of the Continuation Tenancies (Means Testing Criteria) which shall apply mutatis mutandis in this case;

2. Declare and decide that in terms of Act XXIV of 2021, the rent of the premises 17, Triq il-Katidral, Tas-Sliema, is to be revised to an amount not exceeding 2% per annum of the free and unencumbered value of the applicant's property on the open market and to establish new conditions regarding the lease;

3. Order and condemn the respondents Carmelo Mizzi (ID 161445M) and Rafela Mizzi (ID 493251M) to start paying this increased rent in terms of Act XXIV of 2021, with effect from the filing of this application;

4. Order in case the respondents Carmelo Mizzi (ID 161445M) and Rafela Mizzi (ID 493251M) do not satisfy the criteria of income and capital of the means test, her eviction from the premises in question within a short and peremptory time established by this Board and not later than two years from the 1st June, 2021.

With costs and the respondents are from now summoned so that a reference to their oath be made and this without prejudice to any other action that may be filed.

Applicant: 162, Triq il-Kbira, St Julian's

Intimat: 17, Triq il-Katidral, Tas-Sliema

L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Anne Grech vs Carmelo Mizzi et, Rikors Numru 206/2023CG jinsab differit għall-14 ta' Mejju, 2024, fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 30 ta' April, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Respondent: 17, Triq il-Katidral, Tas-Sliema

Housing Authority

The application in the names Anne Grech vs Carmelo Mifsud et, Application number 206/2023CG has been postponed for hearing to the 14th May, 2024, at 9.15 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 30th April, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1031

Permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' April, 2024, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 282/23AGV fl-ismijiet Dolores sive Doris Cassar vs George Cassar, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat George Cassar a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta rikors fl-ismijiet Dolores sive Doris Cassar (KI 467853M) vs George Cassar fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 282/2023AGV, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fis-27 ta' Diċembru, 2023, ir-rikorrenti Dolores sive Doris Cassar (KI 467853M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minħabba tortijiet unikament u esklussivament imputabli lill-konvenut kif fuq spjegat u tawtorizza l-attriċi sabiex tgħix separatament minn mal-konvenut;

2. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsijasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħand l-attriċi;

3. Tordna li l-konvenut iħallas lill-esponenti manteniment konsistenti f'nofs il-pensjoni tal-intimat kif fil-fatt qiegħed iseħħ issa b'dan li din il-pensjoni tinqasam ugwalment bejn il-partijiet;

4. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48 u 52 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluża l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret lill-attriċi;

5. Ixxolji u tillikwida l-proprjetà komuni li hemm eżistenti bejn il-partijiet u taqsamha f'żewġ porzjonijiet

By means of a decree of the 5th April, 2024, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Sworn Application in the names Dolores sive Doris Cassar vs George Cassar, Application Number 282/2023AGV, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent George Cassar in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an Application in the records of the Sworn Application number 282/2023AGV in the names Dolores sive Doris Cassar (ID 467853M) vs George Cassar, filed in the Civil Court (Family Section), on the 27th December, 2023, the applicant Dolores sive Doris Cassar (ID 467853M) requested this Honourable Court to:

1. Declare and pronounce the personal separation between the parties and this due to faults solely and exclusively imputable to the defendant as above explained and authorise the plaintiff to live separately from the defendant;

2. Declare that the defendant forfeited any right to ask or to accept maintenance from the plaintiff;

3. Order the defendant to pay the applicant maintenance consisting in half of the respondent's pension as in fact is happening now in such a way that this pension is divided equally between the parties;

4. Apply against the defendant the effects in whole or in part of Articles 48 and 52 of Cap. 16 of the Laws of Malta to the extent applicable, including the confirmation that he lost every right to inherit the plaintiff;

5. Dissolve and liquidate the common property existing between the parties and divide it into two portions not

mhux neċessarjament ugwali fid-dawl li l-konvenut huwa unikament ħati għas-separazzjoni personali u tassenja porzjoni lill-attriċi u porzjoni lill-konvenut ape sententiam billi tikkunsidra wkoll id-dati tal-akkwist tad-diversi beni u d-dati minn meta l-konvenut għandu jkun ikkunsidrat ħati tat-tortijiet kommessi minnu b'konsegwenza ta' liema ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment, filwaqt li tinnomina nutar biex jirċievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;

6. Tikkundana lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attriċi l-beni kollha dotali u/jew parafernali tagħha li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u dan fi żmien qasir u perentorju li għandu jiġi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti u fin-nuqqas li l-konvenut jagħmel dan, tikkundannah iħallas lill-attriċi dik is-somma li għandha tiġi likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rappreżentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali sudetti;

7. Tassenja lill-attriċi l-beni parafernali tagħha u/jew il-valur tal-istess u tordna lill-konvenut sabiex jirritorna lill-attriċi l-beni kollha parafernali tagħha jew il-valur relattiv tal-istess jekk jkun il-każ;

8. Tiżgombra lill-konvenut minn ġod-dar matriminonjali u ċjoè l-fond li jinsab Flat 1, Triq Anton Cassar, Il-Marsa, liema fond huwa proprjetà parafernali tar-rikorrenti u tawotrizza lill-esponenti tabita ad eskluzjoni ta' żewġha ġewwa l-imsemmi fond;

9. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tbiddel is-serratura tad-dar matrimonjali u tabita b'mod esklussiv ġol-fond matriminonjali u tordna li b'mod immedjat fl-ebda ħin l-intimat ma' javviċina lill-esponenti;

10. Tikkonferma l-ordni ta' protezzjoni ai terminu tal-artikolu 412C ai termini tal-Kodiċi jew ordni ta' trattament taħt l-artikolu 412D tal-Kodiċi ;

11. Tinnomina nutar pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi;

12. Tiddikjara li l-attriċi għandha tibqa' b'kunjomha ta' miżżewġa;

13. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċelebrat bejn il-partijiet fir-Reġistru Pubbliku;

14. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur

necessarily equal in the light that the defendant is solely guilty of personal separation and assign a portion to the plaintiff and a portion to the defendant ape sententiam by also considering the dates of acquisition of the various property and the dates from which the defendant is to be considered guilty of the faults committed by him as a consequence of which the two were irretrievably broken down, whilst nominating a notary to receive the relative deed in which he incorporates all the effects of the judgement and curators to represent the eventual defendant on the same deed;

6. Condemn the defendant to return to the plaintiff all her dotal and/or paraphernal property which results during the hearing of the cause, and this within a short and peremptory time to be fixed by this Honourable Court and in default of the defendant to do so, condemn him to pay the plaintiff that sum which shall be liquidated, if necessary by the appointment of referees, representing the value of the aforementioned dotal and/or paraphernal property;

7. Assign to the plaintiff her paraphernal property and/or the value of the same and order the defendant to return to the plaintiff all her paraphernal property or the relative value of the same if any;

8. Evict the defendant from the matrimonial home and namely the premises situated Flat 1, Triq Anton Cassar, Marsa, which premises are the paraphernal property of the applicant and allows the applicant to abide therein to the exclusion of her husband;

9. Authorise the applicant to change the lock of the matrimonial home and to reside exclusively in the matrimonial premises and order that immediately at no time shall the respondent approach the applicant;

10. Confirm the protection order in terms of Article 412C in terms of the Civil Code or a treatment order under Article 412D of the Civil Code;

11. Appoint a notary public to publish the relative deed and deputy curators to represent the eventual defendant;

12. Declare that the plaintiff is to remain with her marriage surname;

13. Pronounce the dissolution of the marriage which was celebrated between the parties in the Public Registry;

14. Order the Registrar of the Court so that within the time allowed for this purpose by the same Court, he warns

tar-Reġistru Pubbliku kemm bis-separazzjoni kif ukoll bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dawn jiġu reġistrati fir-Reġistru Pubbliku;

15. Tawtorizza lill-attriċi sabiex tirreġistra l-eventwali sentenza fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-proċeduri kollha quddiem il-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) u tal-medjazzjoni preċedenti għal dan ir-rikors, kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt in subizzjoni.

Il-kawża fl-ismijiet Dolores sive Doris Cassar vs George Cassar (Rikors numru 282/2023AGV) hija differita għall-15 ta' Mejju, 2024, fid-9.00 a.m.

Rikorrenti: Flat 1, Triq Anton Cassar, Il-Marsa

Notifika: St Joseph, Maisonette 2, Triq ta' Loreto, Ħal Għaxaq

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 30 ta' April, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the Director Public Registry both of the separation and the dissolution of the parties' marriage so that such is registered in the Public Registry;

15. Authorise the plaintiff to register the eventual judgement in the Public Registry.

With costs, including those of all procedures before the Civil Court (Family Section) and of mediation before this application, against the defendant who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The application in the names Dolores sive Doris Cassar vs George Cassar, Application number 282/2023AGV has been postponed for hearing to the 15th May, 2024, at 9.00 a.m.

Applicant: Flat 1, Triq Anton Cassar, Marsa

Notification: St Joseph, Maisonette 2, Triq ta' Loreto, Ħal Għaxaq

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 30th April, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1032

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-22 ta' Marzu, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 135/2024AJD, li ġie ppreżentat fit-8 ta' Frar, 2024, fl-ismijiet: Morgan Salvatore pro et noe et vs Cooper Margaret, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata. Ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tinnomina lin-Nutar James Grech biex jippubblika d-dikjarazzjoni causa mortis, jekk ikun il-każ u t-trasferiment odjern ai termini tal-konvenju tal-5 ta' Diċembru, 2023. Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimata li qiegħda inġunta għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għad-9 ta' Mejju, 2024, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimata: Cooper Margaret, Belmond Heights, Block C, Flat 8, St Ignatius Street, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 30 ta' April, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 22nd March, 2024, in the records of Sworn Application number 135/2024AJD, which was filed on the 8th February, 2024, in the names: Morgan Salvatore pro et noe et vs Cooper Margaret, the following publication was ordered, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondent. The applicants asked this Honorable Court to, among others: Nominates Notary James Grech to publish the declaration causa mortis, if any and the present transfer in terms of the preliminary agreement of the 5th December, 2023. With all costs against the respondent who is summoned so that a reference to her evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 9th May, 2024, at 9.00 a.m.

Notify Respondent: Cooper Margaret. Belmond Heights, Block C, Flat 8, St Ignatius Street, Tas-Sliema

Registry of the Superior Courts, today 30th April, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1033

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, Sede Kostituzzjonali, fis-27 ta' Ottubru, 2023, fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali numru 236/2023ISB, li ġie ppreżentat fil-5 ta' Mejju, 2023, fl-ismijiet: Scerri Victoria sive Vivienne et vs l-Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati. Ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu lir-rikorrenti id-danni hekk likwidati. Bl-ispejjeż.

Ir-Rikors Kostituzzjonali fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għad-29 ta' Mejju, 2024, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Brincat Spiro, 39, Triq Fra Diego, Il-Marsa

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta' April, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, Constitutional Jurisdiction, on the 27th October, 2023, in the records of Constitutional Application number 236/2023ISB, which was filed on the 5th May, 2023, in the names: Scerri Victoria sive Vivienne et vs State Advocate et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondents. The applicants asked this Honourable Court to, among others: Condemn the respondents or either of whom to pay the applicants the damages so liquidated. With costs

The Constitutional Application in the names mentioned above is postponed to 29th May, 2024, at 9.30 a.m.

Notify Respondent: Brincat Spiro, 39, Triq Fra Diego, Marsa

Registry of the Superior Courts, today 15th April, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1034

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-1 ta' Frar, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 778/2023HM, li ġie ppreżentat fl-20 ta' Lulju 2023, fl-ismijiet: Radmilli Alessandra sive Sandra et vs Vella Anthony, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna lill-intimat Anthony Vella sabiex fi żmien qasir u perentorju prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, jiżgombra mill-porzjon art tal-kejl ta' ċirca 2,165.57 metru kwadru, proprjetà tar-rikorrenti. Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-intimat li qed jiġi inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-11 ta' Ġunju, 2024, fid-9.10 a.m.

Notifika Intimat: Vella Anthony, Gretna Green, Flat 4, Triq l-Imsell, Il-Mellieħa

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Marzu, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 1st February, 2024, in the records of Sworn Application number 778/2023HM, which was filed on the 20th July 2023, in the names: Radmilli Alessandra sive Sandra et vs Vella Anthony, the following publication was ordered, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondent. The applicants asked this Honourable Court to, among others: Order the respondent Anthony Vella so that within a short and peremptory period as determined by this Honourable Court, he vacates the portion of land of the area of circa 2,165.57 square metres, property of the applicants. With costs and legal interest against the respondent who is summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 11th June, 2024, at 9.10 a.m.

Notify Respondent: Vella Anthony, Gretna Green, Flat 4, Triq l-Imsell, Mellieħa

Registry of the Superior Courts, today 4th March, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*